

Brussell, 16 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11690/25

CADREFIN 90
RESPR 21
POLGEN 81
FIN 877

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 570 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 570 final.

Mehmuż: COM(2025) 570 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 570 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali
2028-2034**

{SWD(2025) 570 final} - {SWD(2025) 571 final}

1. INTRODUZZJONI

Il-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034 se jkun ħafna aktar minn sempliċiment pjan finanzjarju. Se jkun dikjarazzjoni strateġika tal-ambizzjoni politika kollettiva tal-Unjoni li twettaq il-prijoritajiet tagħha u li taġixxi b'saħħa u unità fix-xena globali għall-10 snin li ġejjin. Il-baġit tal-UE huwa l-mutur tal-Unjoni li wera kemm-il darba l-impatt trasformattiv tiegħu bħala l-ixprun tal-investment u tat-tkabbir, u huwa espressjoni b'saħħitha tas-solidarjetà Ewropea. Biss biss f'dawn l-aħħar 5 snin il-baġit tal-UE għen biex jiġu salvati l-ħajjiet u l-għajxien tul il-pandemija, ippermetta lill-Unjoni tegħleb il-kriżijiet tal-katina tal-enerġija u tal-provvista, u sostna l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-Ukrajna.

Wasal iż-żmien li tinbena Ewropa aktar indipendenti, peress li l-Unjoni ma tistax tiddependi biss fuq l-oħrajn biex tiżgura s-sigurtà u l-prosperità fit-tul tagħha. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fil-fruntieri tal-Unjoni, l-instabbiltà ġeopolitika usa', u t-tfixkil fir-relazzjonijiet kummerċjali globali kienu twissija drammatika għall-Ewropa. Ġeġhluna nivvalutaw mill-ġdid il-prijoritajiet strateġiċi tagħna u nieħdu azzjoni urġenti biex innaqqsu d-dipendenzi u nindirizzaw il-vulnerabbiltajiet għal għadd kbir ta' theddidiet għas-sigurtà u l-istil ta' ħajja tagħna. Dan kien jirrikjedi li nergġhu niffukaw fuq il-kompetittività, is-sigurtà, id-difiża, il-migrazzjoni, is-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika kif ukoll fuq it-tnejjijiet tagħna għat-tkabbir futur tal-Unjoni. Dan approfondixxa l-impenn tagħna għall-prinċipji u l-valuri li jgħaqqdu l-Ewropa u jagħmlu lill-Unjoni x-xempju tal-istabbiltà u l-progress f'dinja turbolenti.

Li nieħdu l-futur komuni tagħna f'idejna jfisser li l-Unjoni tiġi mgħammra b'baġit ambizzjuż fid-daqs u d-disinn. Biex jinħolqu opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri ta' Ewropej kif ukoll jiġu meġhuna dawk fil-bżonn. Biex niddefendu l-interessi u l-valuri strateġiċi tagħna. Biex nibnu fuq il-potenzjal tas-suq uniku u nisfruttaw teknoloġiji ġodda biex mexxu 'l quddiem it-tkabbir u l-innovazzjoni. Biex nilħqu l-għanijiet klimatiċi tagħna u nappoġġaw lin-negozji, speċjalment in-negozji ż-żgħar, u liċ-ċittadini fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero. Biex niproteġu l-ambjent tagħna, nippreservaw ir-riżorsi naturali tagħna, nippromwovu ċ-ċirkolarità, u nsaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-Ewropa, inkluża r-reżiljenza tal-ilma. Biex niggarantixxu s-sigurtà kollettiva tagħna, nergġhu niksbu l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa, insaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u niġġestixxu l-konsegwenzi tax-xejriet demografiċi. It-tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE, il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-iżgurar tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen. Biex naħtfu l-opportunità storika tat-tkabbir biex nkomplu nsaħħu l-Unjoni. U biex nibnu sħubijiet globali strateġiċi li jagħmlu lill-Unjoni attur b'saħħtu u affidabbli fix-xena dinjija, li jkunu ankrati sew mal-prinċipji tal-kummerċ internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

L-Ewropa issa trid tagħmel l-affarijiet b'mod differenti – u l-baġit tal-UE mhuwiex eċċezzjoni. Fi żmien ta' inċertezza ġeopolitika u ekonomika akbar, hemm aspettattivi kbar biex l-Unjoni ssib tweġibiet għal sensiela ta' sfidi ġenerazzjonali. Ir-rikjesti huma akbar minn qatt qabel u d-daqs tal-baġit tal-UE jrid ikun proporzjonat mar-responsabbiltajiet li dejjem qed jikbru tal-Unjoni. Madankollu r-riżorsi huma limitati. Il-baġits nazzjonali jinsabu taħt pressjoni u ma jistgħux jindirizzaw l-isfidi transfruntieri waħedhom. Is-self konġunt li jappoġġa n-NextGenerationEU se jirrikjedi l-ħlas lura fis-snin li ġejjin. Dan ifisser li rridu nagħmlu użu sħiħ minn kull euro fil-baġit tal-UE biex ninvestu f'oqsma fejn il-valur miżjud tal-UE huwa l-akbar u biex nattiraw l-investment privat u pubbliku.

L-Unjoni teħtieġ baġit aktar ambizzjuż li jkun aktar sempliċi, aktar flessibbli u aktar strateġiku. U fuq kollox, il-baġit tal-UE jrid jagħti riżultati. Dan huwa l-messaġġ qawwi

mill-konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali futur¹, ir-rakkomandazzjonijiet ta' Panel apposta taċ-Ċittadini Ewropej², u s-sensibilizzazzjoni estensiva fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Issa wasal iż-żmien li dawn it-tagħlimiet jitpoġġew fil-prattika u li l-Unjoni tiġi mgħammra b'baġit modern għal dinja li qed tinbidel b'ħeffa.

L-esperjenza turi li l-flessibbiltà hija kruċjali. Dan il-qafas finanzjarju pluriennali jipprovi l-istabbiltà u l-prevedibbiltà li jagħmlu l-baġit tal-UE dan l-ixprun ta' investiment fit-tul b'saħħtu. Iżda f'dinja inċerta u volatili, il-baġit tal-UE jrid ikollu wkoll kapaċità strutturali ħafna aktar b'saħħitha biex jadatta ruħu għal dak li mhux mistenni. Ħafna drabi r-rispons baġitarju għall-kriżijiet u l-ħtiġijiet li qed jevolvu kien *ad hoc* u improvviżat. Għal politika fit-tul, dan mhux bażi soda. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni qed tipproponi baġit aktar flessibbli, mgħammar aħjar kemm għal dak li nafu bih kif ukoll għal dak li ma nafux. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fit-tmexxija tal-baġit se jiżgura livell għoli ta' sorveljanza politika, trasparenza u responsabbiltà demokratika f'kull ħin.

Il-Kummissjoni hija impenjata fi sforz bla preċedent biex l-Ewropa ssir aktar sempliċi – u dan għandu jinkludi l-baġit tal-UE. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi kkonfermaw li l-programmi finanzjarji tal-UE saru wisq frammentati, trikkbu fuq xulxin, b'lakuni u regoli diverġenti. Dan joħloq konfużjoni u jnaqqas l-aċċessibbiltà, il-flessibbiltà u l-impatt. Il-Kummissjoni tipproponi li tissimplifika u tarmonizza l-programmi finanzjarji tal-UE, filwaqt li tagħmilha ħafna aktar faċli biex jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' finanzjament, jiġu sfruttati s-sinerġiji, u jinholq baġit sempliċi, trasparenti u koerenti għas-servizz tal-Ewropej kollha.

Il-baġit fit-tul tal-UE li jmiss huwa opportunità biex jiġi affermat mill-ġdid l-impenn tal-Ewropa għall-għanijiet u l-valuri komuni tagħna. Il-proposti tal-Kummissjoni huma mfassla biex jiżguraw li l-investiment tal-UE jitmexxa mill-prijoritajiet politiċi tagħna, u b'hekk jinkisbu riżultati aħjar milli kieku l-Istati Membri jaġixxu waħidhom. Dawn għandhom għerquhom fir-rispett tal-istat tad-dritt u jirriflettu impenn profond biex jiżguraw li l-flus tal-UE jintefqu tajjeb u jaderixxu mal-ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-Kummissjoni qed tipproponi baġit ambizzjuż ta' EUR 1,98 triljun għall-perjodu 2028-2034, ekwivalenti għal 1,26 % tal-ING tal-UE. L-Unjoni tista' tilħaq l-ambizzjonijiet tagħha biss jekk ikollha baġit korrispondenti. Dan il-baġit se jippermetti lill-Unjoni biex tibni fuq il-momentum maħluq min-NextGenerationEU u ttwettaq il-kompiti u r-responsabbiltajiet li ġiet fdata bihom.

L-immodernizzar tal-finanzjament tal-baġit tal-UE huwa parti essenzjali minn dan il-pakkett u se jippermetti kontribuzzjonijiet nazzjonali stabbli minkejja ż-żieda fid-daqs tal-baġit. Baġit ambizzjuż iffukat fuq il-prijoritajiet Ewropej għandu jkun ibbażat fuq sistema ta' dħul aktar moderna u Ewropea. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tipproponi pakkett imsaħħaħ ta' riżorsi proprji ġodda, li jinkludi aġġustamenti għall-proposta tal-2023 dwar iriżorsi proprji ġodda u kandidati addizzjonali. Id-dħul li jiġġenera se jippermetti baġit tal-UE f'konformità mal-ambizzjonijiet filwaqt li jissodisfa l-obbligi tal-Unjoni li tħallas lura s-self tan-NextGenerationEU.

¹ [Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE \(QFP\) – li jimplementa l-finanzjament tal-UE mal-Istati Membri u mar-reġjuni](#)

² [Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-baġit Ewropew il-ġdid - il-Kummissjoni Ewropea](#)

Il-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 huwa opportunità unika biex inġeddu l-baġit fit-tul tagħna għal dinja li qed tinbidel kostantement. Il-baġit tal-UE u l-politiki komuni li jappoġġa huma parti integrali tal-Unjoni tagħna. Il-prinċipji u l-oġġettivi fundamentali li sawru l-baġit tal-UE sa mill-bidu tiegħu mhux se jinbidlu. Iżda l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni huma tali li s-sitwazzjoni għadha mhix opzjoni. Meta nagħmlu l-baġit tal-UE u l-programmi tiegħu aktar sempliċi, aktar flessibbli u strateġikament adattat għall-prijoritajiet tal-lum – u ta' għada – nagħtu lill-Unjoni l-baġit modern li teħtieġ biex tiproteġi liċ-ċittadini Ewropej, tgħin lin-negozji Ewropej jiffjorixxu u ssaħħaħ il-mudell soċjali tal-Ewropa. U biex iċ-ċittadini, ir-riċerkaturi u n-negozji mill-UE u lil hinn minnha jiġu mħeġġa jagħżlu l-Ewropa.

Fil-qosor, biex nibnu Ewropa indipendenti li tkun kapaċi ssawwar id-destin tagħha stess.

2. IL-BAĠIT TAL-UE: IL-PRIJORITAJIET TAL-UE MSARRFIN F'AZZJONI

Il-baġit il-ġdid tal-UE se jkun **baġit ibbażat fuq il-politika**. Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi finanzjarji tal-UE jridu jkunu ħaġa waħda koerenti, filwaqt li jaħdmu flimkien biex jgħollu l-kooperazzjoni Ewropea għal-livell li jmiss f'oqsma ta' prijorità bħall-kompetittività, is-sigurtà, id-dekarbonizzazzjoni, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Il-programmi tal-baġit imġedded tal-UE huma mfasla biex ikunu komplementari, u jippermettu li r-riżorsi jiġu kkombinati b'appoġġ għall-prijoritajiet Ewropej, kemm fl-Unjoni kif ukoll madwar id-dinja.

I. L-ixprunar tal-prosperità, is-sostenibbiltà u s-sigurtà – investimenti u riformi mfasla apposta permezz ta' pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali




Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jikkombinaw il-fondi tal-UE implimentati mill-Istati Membri u r-reġjuni fi proċess ta' pplanar koerenti u mfasal apposta – allinjat bis-siħ mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni. Dawn se jimmassimizzaw l-impatt ta' kull

euro, jipprovd u aktar flessibbiltà biex jiġu adattati għall-ħtiġijiet reġjonali u lokali, u jissimplifikaw ir-regoli għall-Istati Membri u r-reġjuni.

Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali l-ġodda għall-investiment u għar-riformi se jibnu fuq ir-rekord notevoli tal-politiki komuni tal-Ewropa — u se jsiru aktar b'saħħithom u jħallu aktar impatt. Is-sħubijiet se jżidu s-sinerġiji fost il-politiki attwali b'appoġġ għall-prijoritajiet Ewropej, filwaqt li jsaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. U se jagħtu spinta lill-azzjoni tal-UE biex jitneħħew l-ostakli għas-suq intern. B'pakkett ta' EUR 865 biljun (inklużi EUR 50 biljun mill-Fond Soċjali għall-Klima), il-pjanijiet se jiżguraw appoġġ kontinwu għall-politiki komuni tal-Ewropa b'approċċ modernizzati.

Il-pakkett tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali 2028-2034



Il-pjanijiet ta' sħubija se jkunu ankrati fil-prijoritajiet Ewropej iżda mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u tar-reġjuni. Il-pjanijiet se jirrispondu għall-prijoritajiet u l-isfidi ewlenin identifikati, inkluż permezz tas-Semestru Ewropej. Dawn se jkunu tal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u se jiffasslu f' sħubija bejniethom. Is-sistema l-ġdida ta' twassil se takkomoda d-diversità tal-Istati Membri, billi toffrilhom flessibbiltà biex jiżviluppaw kapitoli nazzjonali, settorjali u, fejn rilevanti, reġjonali u territorjali, skont ir-regoli attwali, skont l-istrutturi u t-tradizzjonijiet kostituzzjonali ta' kull Stat Membru. Dawn

se jipprovdu appoġġ immirat fil-politiki kollha tal-UE għall-ħtiġijiet urġenti, bħall-isfidi ffaċċjati mir-reġjuni fil-fruntiera tal-Lvant li huma l-aktar affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. B'mod ġenerali, is-sħubijiet se jkunu inqas preskrittivi dwar kif jistgħu jinkisbu objettivi komuni, iżda se jkunu aktar esiġenti dwar x'għandu jinkiseb, filwaqt li jiġi żgurati ir-rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.


Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jiġbru flimkien 14-il fond eżistenti u jiżguraw koerenza u programmazzjoni konġunta bejniethom filwaqt li jirripettaw l-ispeċifitajiet tagħhom. Dan se jissimplifika l-proċessi kumplessi ta' programmazzjoni, inaqas il-proċeduri twal ta' validazzjoni u joħloq opportunitajiet ġodda għal sinerġiji.

- **L-agrikoltura u ż-żoni rurali jibqgħu prijorità, u jsaħħu l-awtonomija strateġika, is-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà tal-UE.** Is-sħubijiet huma opportunità għall-Politika Agrikola Komuni biex tevolvi lejn qafas ta' politika aktar sempliċi, aktar immirat u li jħalli aktar impatt, biex jinstab il-bilanċ it-tajeb bejn l-inċentivi, l-investimenti u r-regoli. Il-bdiewa se jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ għad-dħul prevedibbli u stabbli mill-baġit tal-UE filwaqt li jgawdu possibbiltajiet addizzjonali għal investimenti u azzjonijiet konġunti għaż-żoni rurali. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jiksbu sinerġiji biex jindirizzaw aħjar l-isfidi li jiffaċċjaw il-bdiewa u l-komunitajiet rurali, u joħolqu opportunitajiet għall-bdiewa żgħażagħ u jħeġġu t-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà tal-ikel fit-tul. L-UE se żżid il-promozzjoni tagħha tal-prodotti agrikoli tal-UE biex toħloq opportunitajiet ġodda tas-suq. U peress li fis-swieq agrikoli qed tiffaċċja inċertezza dejjem akbar, l-UE se tiproteġi lill-bdiewa u tistabbilizza s-swieq fi żminijiet ta' disturb fis-suq permezz tax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda.
- **Il-politika ta' Koeżjoni se tissaħħaħ u tiġi modernizzata, bir-reġjuni jkunu fil-qalba tagħha,** u se tkompli tirrispetta l-prinċipji fundamentali tagħha ta' sħubija, ta' governanza f'diversi livelli, u ta' azzjoni bbażata fuq il-post. Se taħdem f'sinerġija mal-politiki l-oħra, tibbenefika minn impatt oġhla minħabba investimenti u riformi mmirati filwaqt li tkompli tippromwovi Ewropa aktar koeżiva, filwaqt li tiżgura li l-Ewropej kollha, irrispettivament minn fejn jgħixu, ikollhom aċċess għal opportunitajiet ekonomiċi u kwalità ta' ħajja oġhla. Din se tgħin lir-reġjuni inqas żviluppati jlaħħqu mar-reġjuni ta' tranżizzjoni ġusta biex jiġi żgurati li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Se tagħti attenzjoni mill-qrib lir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li tirrikonoxxi l-isfidi u l-potenzjal uniċi tagħhom.
- **L-Ewropa hija b'saħħitha biss daqs kemm iċ-ċittadini tagħha jkunu awtonomi – u għalhekk l-appoġġ għan-nies u l-mudell soċjali tal-Ewropa se jkun fil-qalba tal-pjanijiet. Għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali se tapplika mira soċjali ta' 14 %, biex investimenti sinifikanti jiġu ggwidati għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, filwaqt li jiġu appoġġati l-impjiegi ta' kwalità, il-ħiliet, l-inklużjoni soċjali u l-akkomodazzjoni fl-Istati Membri, ir-reġjuni u s-setturi kollha.**
- **Is-sħubijiet se jiżguraw li l-appoġġ tal-UE għall-isfidi tal-migrazzjoni, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tas-sigurtà jkun imfassal għall-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru u tar-reġjuni tiegħu.** Ir-rabta bejn ir-riformi u l-investimenti se tagħti lill-Istati Membri inċentivi aktar b'saħħithom biex jimplementaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Istrateġija tal-UE ta' Sigurtà Interna. Il-Faċilità tal-UE se tiżgura rispons flessibbli u komuni tal-UE għall-ħtiġijiet urġenti u għall-isfidi ġodda.

➤ **Is-sajd jibqa' l-ħajja tal-komunitajiet u l-ekonomiji kostali tagħna.** Is-sħubijiet se jibnu rabta aktar mill-qrib bejn il-politika tas-sajd u tal-oċeani, il-koeżjoni, u l-Politika Agrikola Komuni tal-UE, biex jipprovdu appoġġ aktar b'saħħtu lis-sajjieda, filwaqt li jgħinu biex jistimulaw attivitajiet ekonomiċi bħall-akkwakultura, it-turiżmu u t-tbaħħir, joħolqu impjiegi u jtejbu l-għajxien fir-reġjuni kostali.

Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, flimkien ma' programmi oħra tal-UE, se jgħinu lill-Unjoni tibqa' fit-triq lejn l-impenn tagħna biex niddekarbonizzaw l-Ewropa sal-2050. L-investimenti u r-riformi appoġġati mill-pjan se jixprunaw l-innovazzjoni, iżidu r-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima, itejbu l-konnettività u jgħinu lill-Ewropa jkollha aktar indipendenza enerġetika. Dawn se jappoġġaw lin-negozji u liċ-ċittadini fil-partijiet kollha tal-Unjoni biex jittrattaw l-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, filwaqt li jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Il-finanzjament għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri fil-baġit 2028-2034



It-twassil ibbażat fuq ir-riżultati u l-kombinazzjoni ta' investimenti u riformi li jsaħħu lil xulxin se jkollhom aktar impatt u jagħtu aktar valur lill-flus. Il-pagamenti se jkunu kundizzjonali fuq l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri tal-investiment u tar-riforma marbutin mal-prijoritajiet miftiehma. Dan kollu huwa mistenni li jwassal finanzjament u riżultati aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti. Se jitfa' l-enfasi fuq fejn għandha tkun: fuq ir-riżultati tal-infiq tal-UE. Arranġamenti robusti ta' awditjar u kontroll jiżguraw li l-pjanijiet ta' sħubija jiġu implimentati f'konformità mal-ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Il-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mhumiex negozjabbli. Ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità³ tal-istat tad-dritt se jkompli japplika għall-baġit kollu tal-UE (ara t-Taqsima 5). Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jsaħħu r-rabta bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju. F'każ li Stat Membru jitlef fondi minħabba ksur persistenti tal-Istat tad-Dritt jew tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dawn se jkunu disponibbli għall-użu fi programmi b'għestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tal-Ewropa.

Faċilità tal-UE se tappoġġa l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali. Il-Faċilità se tappoġġa azzjonijiet li jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tikkomplementa proġetti implimentati mill-Istati Membri u r-reġjuni. Dan jinkludi l-implimentazzjoni tal-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni f'oqsma bħall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd, l-appoġġ għall-politika tal-oċeani, il-promozzjoni ta' azzjonijiet soċjali u investimenti fl-infrastruttura soċjali u fl-ekonomija soċjali fil-livell tal-UE, inkluż permezz tal-użu ta' strumenti ta' garanzija, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni interreġjonali jew bejn il-bliet. Il-faċilità se tgħin biex twieġeb għal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, filwaqt li tibni sinerġiji ma' oqsma oħra ta' politika koperti taħt is-sħubijiet, bħall-agrikoltura. Riżerva mhux allokata se tipprovdi l-possibbiltà ta' rispons ulterjuri għal avvenimenti u diżastri mhux mistennija fl-Istati Membri, jekk il-flessibbiltajiet l-oħra fi ħdan l-allokkazzjonijiet nazzjonali u reġjonali ma jkunux biżżejjed.

L-UE se tkompli wkoll tipprovdi appoġġ qawwi lill-**Komunità Ċiprijotta Torka** permezz ta' strument apposta.

II. It-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea: il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u Orizzont Ewropa



(*) R&I kollaborattivi, konsistenti mal-attivitajiet fil-Fond għall-Kompetittività

³Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-ġdid, li jaħdem f'sinerġija ma' Orizzont Ewropa, se jipprovi appoġġ bla xkiel lill-innovaturi Ewropej mir-riċerka sal-użu, mill-ideat sat-tnedija ta' kumpaniji start-up u għal scale-up. Se jixpruna l-implimentazzjoni tal-Kumpass tal-Kompetittività u jgħin lill-Unjoni tibni vantaġġ kompetittiv f'setturi strateġiċi, inkluż billi jiffaċilita proġetti multinazzjonali u transfruntieri b'valur miżjud għoli tal-UE. B'dan il-mod, se jixpruna l-prosperità u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja.

Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE jrid iwassal għal qabża 'l quddiem fl-appoġġ Ewropew għall-kompetittività. L-Ewropa hija l-benniena tal-innovazzjoni, tal-progress xjentifiku u tal-intraprenditorija, b'impronta industrijali ta' klassi dinjija. Madankollu, il-kompetittività u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa huma mxejjla minn ostakli għas-suq uniku, swieq kapitali frammentati, diġitalizzazzjoni insuffiċjenti, kompetizzjoni internazzjonali inġusta, prezzijiet għoljin tal-enerġija, nuqqas ta' ħiliet u ta' ħaddiema, ħila dgħajfa biex ir-riċerka tissarraf f'eżiti kummerċjabbli, u ostakli biex il-proġetti u l-finanzjament jiġu allinjati flimkien.

L-Ewropa trid twettaq ferm aktar biex toħloq il-kundizzjonijiet għall-aqwa proġetti tagħha u biex il-kumpaniji tagħha jirnexxu u jespandu, kif enfasizzat fir-rapporti ta' Draghi⁴ u Letta⁵ u fil-Boxxla għall-Kompetittività⁶. Kif stabbilit fil-Patt għal Industrija Nadifa, huwa essenzjali li d-dekarbonizzazzjoni u t-tkabbir ekonomiku jkunu kkombinati, permezz ta' prezzijiet tal-enerġija affordabbli, appoġġ għal prodotti nodfa magħmula fl-UE (permezz tal-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni Industrijali), impjiegi ta' kwalità għolja u finanzjament imsaħħaħ, inkluż permezz tal-bank tad-dekarbonizzazzjoni industrijali. It-tisħiħ tas-sigurtà ekonomika tal-Ewropa jrid ikun ukoll l-oġettiv ewleni — filwaqt li jiġi żgurat li s-setturi ewlenin jibqgħu reżiljenti u kompetittivi fid-dawl tal-bidliet ġeopolitiċi u teknoloġiċi. L-UE trid ukoll tagħti prijorità lill-investimenti f'teknoloġiji mill-aktar avvanzati li huma kruċjali għall-futur, bħall-ispazju, l-intelliġenza artifiċjali u l-kwantum. Biex tibqa' kompetittiva, awtonoma u sigura, jeħtieġ li l-Ewropa tibni infrastruttura diġitali ta' klassi dinjija u sigura, bħal networks ta' kapaċità għolja u gigafabbriki tal-IA.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, b'pakkett totali ta' EUR 409 biljun inkluż Orizzont Ewropa, se jipprovi spinta bla preċedent fl-appoġġ baġitarju tal-UE għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-iżvilupp u l-użu⁷.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-ġdid se jiġbor flimkien is-saħħa tal-investiment fil-livell tal-UE biex iħaffef l-espansjoni, il-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Ewropa. Dan se jsir l-għodda ewlenija biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej u tissaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE, inkluż billi jiġu appoġġati teknoloġiji, prodotti u servizzi “magħmulin fl-Ewropa”. Filwaqt li jissostitwixxi t-taħlita attwali ta' programmi mrikkbin fuq xulxin, il-fond, li jopera taħt ġabra unika ta' regoli, se jissimplifika u jħaffef sew l-finanzjament tal-UE, inkluż għan-negozji ż-żgħar. Dan se jippermetti lill-UE biex tinvesti fejn ikun importanti, u biex tinvesti b'impatt. Il-Fond se jinkludi proċeduri tal-għażla, tal-evalwazzjoni u tal-għoti simplifikati u rapidi, u se jipprovi rekwiżiti ta' rappurtar simplifikati

⁴ Draghi, M. (2024) “[A competitiveness strategy for Europe](#)”.

⁵ Letta, E. (2024) “[More than a market](#)”.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final.


⁷ Biż-żieda tal-appoġġ ipprovdut mill-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u Orizzont Ewropa flimkien jammontaw għal EUR 450,8 biljun.

għar-riċevituri ta' finanzjament tal-UE, biex b'hekk il-promoturi tal-proġetti jingħataw finanzjament aktar malajr.

Wara r-rakkomandazzjoni tar-rapport ta' Draghi, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jiffoka fuq il-beni pubbliċi tal-UE. Il-Fond se jappoġġa oqsma kritiċi għall-kompetittività tal-UE: it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni; it-tmexxija diġitali; ir-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża u l-ispazju; u s-saħħa, il-bijoteknoloġija, l-agrikoltura u l-bijoekonomija. Se joffri wkoll servizzi ta' konsulenza għall-promoturi ta' proġetti.

L-investment pubbliku fil-livell Ewropew għandu rwol vitali x'jaqdi bħala katalist għall-investment privat. Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se joffri sett ta' għodod ta' finanzjament komprensiv biex jattira l-investment privat. Dan se jippermetti lil kull proġett magħżul jaċċessa l-aktar forma xierqa ta' appoġġ, kemm fil-forma ta' għotjiet jew self, akkwist, jew strumenti finanzjarji, inklużi investimenti ta' ekwità. B'mod kruċjali, is-saħħa ppruvata ta' **InvestEU** se tidderieġi l-investment pubbliku u privat lejn setturi prijoritarji tal-UE, filwaqt li l-fond jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab ta' implimentazzjoni tiegħu – il-Bank Ewropew tal-Investment u banek promozzjonali nazzjonali oħra. Il-Fond se jappoġġa wkoll sħubijiet pubbliċi-privati inklużi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni.

Fond Ewropew għall-Kompetittività* (inkluż Orizzont Ewropa)



Il-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa magħruf mad-dinja kollha se jkompli jinvesti f'riċerka fundamentali u kollaborattiva rivoluzzjonarja kif ukoll fl-innovazzjoni fixkiela f'oqsma strateġiċi. Dan se jopera bħala programm awtonomu konness mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz ta' programmi ta' ħidma

integrati għar-riċerka kollaborattiva u għal ġabra komuni ta' regoli. Il-programm Orizzont Ewropa l-ġdid se jiġi ssimplifikat u msaħħaħ, u se jippermetti nfiq tal-UE aktar malajr u strateġiku permezz ta' regoli aktar ċari u proċeduri aktar trasparenti għall-applikanti u għall-partijiet ikkonċernati. Dan se jappoġġa azzjonijiet ta' riċerka fundamentali transsettorjali, filwaqt li jserraħ fuq l-approċċ stabbilit sew tiegħu mmexxi mill-eċċellenza u jħejji l-muturi futuri tat-tkabbir u tat-tmexxija teknoloġika. Orizzont Ewropa se jinbena fuq erba' pilastri: ix-Xjenza Eċċellenti, il-Kompetittività u s-Soċjetà, l-Innovazzjoni kif ukoll iż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka estiż se jippromwovi x-xjenza fundamentali u l-appoġġ tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jissaħħaħ għan-negozji ġodda. Il-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom se jiffinanzja r-riċerka u t-taħriġ nukleari u jikkontribwixxi għall-proġett ta' fużjoni tal-ITER.

III. Insawru Unjoni Ewropea tad-Difiża



Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jieħu l-Unjoni Ewropea tad-Difiża għal-livell li jmiss, prijorità urġenti fi żmien ta' theddid u inċertezza li qed jiżdiedu. Il-finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività, il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-finanzjament estern flimkien se jġibu valur miżjud Ewropew bla preċedent fl-infiq għad-difiża nazzjonali.

Il-baġit futur tal-UE jrid jagħti spinta ġdida lill-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża vera. Hekk kif il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna reġgħet ġabet il-gwerra fit-territorju Ewropew, il-kapaċità tal-Unjoni li tiffinanzja l-istat ta' preparatezza għad-difiża ġiet imsaħħa taħt il-baġit fit-tul attwali tal-UE. Dan kien jinkludi l-Att il-ġdid b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon u l-Istrument għall-Akkwist Komuni fil-qasam tad-difiża, kif ukoll it-tisħiħ tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Il-White Paper dwar id-Difiża Ewropea – Il-Prontezza 2030 stabbiliet x'tista' tagħmel l-Unjoni biex tappoġġa u tikkoordina l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-bażi industrijali tad-difiża u l-prontezza tad-difiża ġenerali tal-UE. F'dan il-qafas, l-Istati Membri se jkollhom aktar flessibbiltà baġitarja biex iżidu n-nefqa fuq id-difiża, inkluż permezz ta' self addizzjonali ffinanzjat minn self komuni (l-strument ta' Azzjoni għas-Sigurtà


tal-Ewropa⁸). Iżda dan mhux biżżejjed. Il-baġit li jmiss irid jidħol f'era ġdida ta' investment strateġiku għall-kapaċitajiet u l-preparatezza ta' difiża Ewropea, inkluż l-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet ta' difiża kritiċi Ewropej. Ir-rispons għall-isfidi ffaċċjati mill-Istati Membri l-aktar esposti għal theddidiet militari konvenzjonali se jkun prijorità partikolari, permezz ta' proġetti konġunti bħat-Tarka tal-Fruntiera tal-Lvant.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jipprovdi appoġġ sinifikanti għall-investment fid-difiża, is-sigurtà u l-ispazju. Il-Kummissjoni tipproponi li jiżdied il-finanzjament b'mod sostanzjali meta mqabbel mal-qafas finanzjarju attwali. Dan huwa wkoll qabża 'l quddiem fl-approċċ, billi jagħti appoġġ tul il-vjaġġ ta' investment, mir-riċerka sal-iżvilupp, il-manifattura u l-użu fi ħdan strument uniku, u jikkontribwixxi għat-tneħħija tar-riskji għal proġetti komuni tad-difiża. Dan se jsaħħaħ il-koordinazzjoni permezz ta' appoġġ għall-applikazzjonijiet b'użu doppju u ċ-ċibersigurtà. L-UE se tkompli taġġorna s-sistemi spazjali tagħha, b'mod partikolari Galileo, EGNOS, Copernicus u IRIS², filwaqt li tiżviluppa kapaċitajiet ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi b'użu doppju, inkluż is-servizz governattiv ta' osservazzjoni tad-Dinja u l-pożizzjonament, in-navigazzjoni u d-determinazzjoni tal-ħin f'orbita dinjija baxxa.

L-integrazzjoni tal-finanzjament tad-difiża u tal-ispazju fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Kompetittività ġġib magħha diversi benefiċċji. L-ewwel nett, tiżgura regoli konsistenti għall-benefiċjarji, għax tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament. It-tieni, tisfrutta s-sinerġiji bejn l-appoġġ għall-industrija tad-difiża u l-industrija spazjali, peress li dawn jippreżentaw opportunitajiet għall-arrikkiment reċiproku, filwaqt li tiżgura appoġġ kontinwu u b'saħħtu għall-investment tal-UE fl-infrastruttura spazjali u l-assi spazjali Ewropej ewlenin. It-tielet, tipprovdi aċċess għall-ġabra sħiħa ta' għodod finanzjarji li se jkunu disponibbli taħt il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, biex tipprovdi approċċ imfassal apposta aħjar.

L-Istati Membri u r-reġjuni se jkunu jistgħu jappoġġaw ukoll l-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-kapaċitajiet tad-difiża u l-proġetti tas-sigurtà tal-Unjoni permezz tal-finanzjament tagħhom skont il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, b'mod konsistenti mal-prijoritajiet tal-UE u f'sinerġija mal-finanzjament fil-livell tal-UE. Tali miżuri se jikkontribwixxu għall-kompetittività tad-difiża Ewropea, is-sigurtà u l-bażi industrijali teknoloġika, u biex jappoġġaw il-preparatezza, l-identifikazzjoni tat-theddid u r-rispons għall-kriżijiet tal-Unjoni, inkluż billi jsaħħu ċ-ċibersigurtà u jiżguraw li l-infrastruttura kritika tkun reżiljenti. L-Istati Membri se jkunu jistgħu jiffinanzjaw ukoll il-partijiet nazzjonali tan-Networks trans-Ewropej tat-Trasport, in-networks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija nazzjonali u l-Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (inkluż fid-difiża), skont il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali.

⁸Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża.



Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna enfasizzat l-importanza tal-investiment fil-mobbiltà militari, biex jiġi żgurat li l-forzi tal-Istati Membri jkunu jistgħu jirrispondu malajr u fi skala suffiċjenti għall-kriżijiet li jseħħu fil-fruntieri esterni tal-UE u lil hinn minnhom. Għalhekk, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa msaħħa se żżid l-enfasi tagħha fuq il-kuritur tal-mobbiltà militari u timmassimizza s-sinerġiji ma' investimenti oħra fin-network tat-trasport. L-investimenti se jappoġġaw it-trasport ta' truppi u tagħmir permezz ta' ferroviji, toroq, ajruporti, portijiet marittimi, passaqġi fuq l-ilma interni u terminals multimodali.

Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi se tkompli topera bħala strument barra mill-baġit, li jikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni biex tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali. Il-Faċilità se tiffinanzja azzjonijiet deċiżi mill-Kunsill taħt żewġ pilastri: il-kostijiet komuni ta' operazzjonijiet u missjonijiet militari u ta' miżuri ta' assistenza⁹. Fid-dawl tal-ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, il-Faċilità jenħtieġ li tkun tista' tkompli tappoġġa globalment lis-sħab tul l-iskeda ta' żmien tal-qafas finanzjarju li jmiss, inkluża l-Ukrajna, u tissaħħaħ għal EUR 30,5 biljun.

⁹ F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509.

IV. It-tishih tas-suq uniku Ewropew




Is-suq uniku huwa wieħed mis-suċċessi ewlenin tal-Unjoni. Madankollu l-Istrateġija tas-Suq Uniku riċenti¹⁰ wriet għal darb'oħra li s-suq uniku għadu 'l bogħod milli jitlesta. L-investiment mill-baġit tal-UE għandu l-akbar valur miżjud meta jgħin biex jitneħħew l-ostakli u jrawwem konnessjonijiet. Il-baġit il-ġdid tal-UE huwa mfassal b'dan il-ħsieb.

Il-baġit tal-UE minn dejjem kien il-bażi tat-twessigħ u l-approfondiment tas-suq uniku tal-Ewropa. Dan jagħmlu permezz ta' politiki komuni bħall-koeżjoni u l-politika agrikola komuni. Jagħmlu wkoll permezz ta' investimenti fl-infrastruttura fiżika li tagħmel in-networks trans-Ewropej realtà, u investimenti fl-infrastruttura amministrattiva li joħolqu l-kundizzjonijiet biex is-suq uniku jirnexxi.


Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa l-ġdida se tiffinanzja t-tlestija tan-Networks Trans-Ewropej u trawwem tranżizzjoni nadifa tal-UE fl-enerġija u t-trasport. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-ħtieġa ta' diżakkoppjament mill-fjuwils fossili Russi ssottolinjaw l-importanza vitali ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina u networks infrastrutturali integrati sew tal-UE. Madankollu, il-progress f'infrastrutturi ewlenin bħall-konnettività ferrovjarja u l-interkonnetturi transfruntieri kien bil-mod wisq. Il-Faċilità se tagħti mill-ġdid spinta lil dawn l-investimenti essenzjali għar-reżiljenza u s-sigurtà tal-Ewropa, inkluż billi tappoġġa proġetti fil-partijiet tal-Unjoni l-anqas konnessi, bħalma huma l-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi. Se tinvesti f'interkonnetturi u grilji transfruntieri, f'konnessjonijiet tat-trasport, networks offshore, sorsi tal-enerġija rinnovabbli transfruntieri u f'infrastruttura tal-ħżin u tal-fjuwils alternattivi, filwaqt li tappoġġa l-ambizzjonijiet klimatiċi tal-Unjoni. Il-Faċilità se tiffinanzja proġetti tat-trasport ċivili-militari b'użu doppju biex

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Is-Suq Uniku: Is-suq domestiku Ewropew tagħna f'dinja inċerta, COM(2025) 500 final


tippermetti **mobbiltà militari** bla xkiel fl-UE kollha, prerekwiżit għal Unjoni Ewropea tad-Difiża aktar b'saħħitha u mħejjija aħjar.



Il-Programm tas-Suq Uniku l-ġdid se jiġbor flimkien miżuri appoġġati mill-baġit tal-UE biex jitneħħew l-ostakli transfruntieri u bejn il-pajjiżi kif ukoll irawwem il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Dan se jikkontribwixxi għall-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-suq uniku, tal-politika tal-kompetizzjoni, tal-miżuri ta' standardizzazzjoni, tal-protezzjoni tal-konsumatur u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-istatistika dwar statistika ta' kwalità għolja li tkun il-bażi tat-tfassil, tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni. Barra minn hekk, se jneħħi l-frammentazzjoni li jifdal fil-finanzjament tal-UE f'dan il-qasam biex jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u jnaqqas ix-xkiel amministrattiv fl-oqsma tad-dwana, tat-tassazzjoni u tal-ġlieda kontra l-frodi, li kollha huma kruċjali għall-funzjonament effiċjenti tas-suq uniku. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tar-riforma doganali tal-UE ladarba tiġi adottata l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.




V. Ewropa b'saħħitha f'dinja inċerta: l-istrument Ewropa Globali



L-Ewropa Globali se tidderieġi l-fondi tal-UE b'mod aktar strateġiku lejn il-prijoritajiet ewlenin, billi tfassal l-appoġġ għall-ħtiġijiet tas-sħab tal-Ewropa u għall-interessi tal-Unjoni, u tadatta b'mod flessibbli hekk kif il-kundizzjonijiet lokali, reġjonali u globali jevolvu. Dan se jipprovi appoġġ qawwi lill-pajjiżi kandidati fil-mixja Ewropea tagħhom u jipromwovi l-istabbiltà fil-viċinat immedjat tal-Unjoni. L-Ewropa Globali se tkompli l-appoġġ sod tal-Unjoni għall-Ukrajna u tirfed ir-rispons tal-Unjoni għal sfidi bħall-kunflitti fil-Lvant Nofsani u l-konsegwenzi tagħhom.

Ix-xenarju politiku u ekonomiku globali huwa dejjem aktar volatili u imprevedibbli. Hemm kunflitti kontinwi u emerġenti, kompetizzjoni inġusta, u pożizzjoni ekonomika u ġeopolitika aktar assertiva mill-atturi internazzjonali. Fatturi oħra bħat-tibdil fil-klima, il-pressjonijiet tal-migrazzjoni, u t-theddidiet għas-sigurtà għadhom joħlqu sfidi sinifikanti għall-UE u għas-sħab tagħha fid-dinja kollha.

F'dan l-isfond, l-UE jeħtiġilha tfassal mill-ġdid u ssaħħaħ il-finanzjament għall-azzjoni esterna tagħha fil-qafas finanzjarju li jmiss. L-azzjoni esterna tal-UE jeħtieġ li tkun immirata aħjar lejn is-sħab tagħna u tindirizza l-ħtiġijiet urġenti fuq il-post. Għandha tappoġġa l-interessi strateġiċi tal-Unjoni fix-xena globali billi tidderieġi l-fondi lejn prijoritajiet politiċi ewlenin u tadatta b'mod flessibbli għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu. L-istrument msaħħaħ Ewropa Globali ta' EUR 200 biljun se jkun il-bażi ta' din l-azzjoni. Minn dan l-ammont, għandhom jiġu allokati madwar EUR 25 biljun għall-Għajnuna Umanitarja.



L-Ewropa Globali l-ġdida se tottimizza, tikkonsolida u tissimplifika l-finanzjament għall-azzjoni esterna tal-UE taħt il-baġit fit-tul li jmiss. Kull makroreġjun se jkollu allokazzjoni finanzjarja indikattiva biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għas-sħab tal-Unjoni, flimkien mal-flessibbiltà biex jiġu riallokati l-fondi bejn il-pakketti u tiġi mobilizzata riżerva ġenerali mhux allokata biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet emerġenti. L-Ewropa Globali se jkun fiha ukoll pilastru globali għal azzjonijiet li huma intrinsikament globali fl-iskop tagħhom, pereżempju finanzjament għal inizjattivi permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti u dwar kwistjonijiet bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu,

is-saħħa globali, iċ-ċibersigurtà, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin u l-governanza internazzjonali fir-rigward tal-klima u l-oċean.

L-għodod kollha tal-politika tal-azzjoni esterna se jkunu disponibbli biex l-appoġġ tal-UE jimmirawh fuq kull makroreġjun. L-Ewropa Globali se tinkludi programmi ta' kooperazzjoni pluriennali mas-sħab kif ukoll azzjonijiet li mhumiex programmabbli fin-natura tagħhom, bħall-għajnuna umanitarja¹¹ u l-ħtiġijiet ta' waqt il-kriżijiet, tal-paċi u tal-politika barranija. Barra minn hekk, se tipprovdi assistenza bbażata fuq il-kundizzjonijiet ta' politika, inklużi r-riformi u l-investimenti. L-Ewropa Globali se tippermetti li l-UE tuża l-kombinazzjoni t-tajba ta' għodod ta' politika mfasslin biex jirrispondu bl-aktar mod effettiv għall-obiettivi tal-politika barranija li qed jevolvu u għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-sħab tal-UE.

L-UE se toffri pakketti ta' sħubija komprensivi ta' benefiċċju reċiproku biex jinkiseb finanzjament għall-azzjoni esterna aktar effettiv u mmirat. Il-pakketti ta' sħubija se jkunu mfassla apposta għas-sħab jew għar-reġjuni, billi jimobilizzaw il-ġabra ta' għodod ta' politika xierqa biex jimmassimizzaw l-impatt tal-UE fuq il-post, jindirizzaw l-interessi strateġiċi tal-UE u jtejbu l-viżibbiltà u l-fehim tal-azzjoni esterna tal-UE. Se tmexxi 'l quddiem **il-Politika Ekonomika Barranija Ewropea l-ġdida**, filwaqt li ssaħħaħ l-allinjament mal-prijoritajiet interni tal-UE, bħas-sigurtà ekonomika, il-kummerċ u l-kompetittività, is-sigurtà tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà tal-ikel, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-konnessjonijiet tat-trasport, il-protezzjoni tal-klima u tal-ambjent, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-konnettività offruta minn bejjiegħa affidabbli u l-aċċess għall-materja prima kritika.

It-tkabbir huwa rekwiżit politiku u ġeostrateġiku. Għoxrin sena wara l-akbar tkabbir fl-istorja tal-UE, it-tkabbir għadu l-investment ewlieni fis-sigurtà, il-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità sostenibbli fit-tul fl-Ewropa. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna wriet l-importanza tal-integrazzjoni Ewropea u l-ħtieġa ta' Unjoni akbar u aktar b'saħħitha biex tindirizza l-isfidi globali. L-Unjoni hija impenjata bis-sħiħ li taħdem mal-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali biex tħejji għall-adeżjoni tagħhom, b'rispett sħiħ għall-proċess ibbażat fuq il-mertu u bil-konvinzjoni soda li l-futur tagħhom jinsab fl-Unjoni Ewropea. L-Ewropa Globali se tipprovdi appoġġ finanzjarju essenzjali u bbażat fuq il-politika biex tgħin lill-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali jimxu 'l quddiem f'din it-triq.

L-UE se tappoġġa lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn. Mill-appoġġ fil-proċess ta' adeżjoni sal-bini mill-ġdid fit-tul, l-UE se tkun hemm għall-Ukrajna. Dan l-appoġġ se jinkludi self iffinanzjat permezz ta' self komuni tal-UE appoġġat mill-marġni ta' manuvra fil-baġit tal-UE. L-appoġġ għall-Ukrajna se jiġi implimentat taħt il-pilastru ġeografiku tal-Ewropa Globali u se jinkiseb minn riżerva speċjali apposta lil hinn mil-limiti massimi tal-baġit, minħabba l-iskala u l-inċertezza tal-ħtiġijiet.

L-Ewropa Globali se tiġi kkomplementata minn tipi oħra ta' azzjoni esterna tal-UE, li għal raġunijiet legali jridu jiġu ffinanzjati taħt programmi separati. Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE se jżid l-appoġġ għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej¹² u se jkompli jiffinanzja l-azzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-

VI. Ninvestu fl-edukazzjoni, fid-demokrazija u fil-valuri Ewropej




Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jkun baġit għall-Ewropej kollha. Se jżid l-investment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet biex jgħin lill-istudenti u lill-ħaddiema tal-UE jaħtfu opportunitajiet madwar l-UE. Se jkompli jippromwovi r-rikkezza tad-diversità kulturali, il-valuri demokratiċi u l-libertajiet tal-Ewropa. Se jkollu għeruqu fir-rispett tad-drittijiet u tal-valuri li jiddefinixxu l-Unjoni tagħna.

L-appoġġ għall-edukazzjoni, il-kultura, il-media u l-valuri demokratiċi huwa investment fil-futur komuni tagħna. Il-baġit tal-UE, bil-programmi tiegħu, kien fuq quddiem nett f'dan l-appoġġ. Dan jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-kollaborazzjoni tranżnazzjonali għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-indirizzar u t-trawwim ta' sens ta' ċittadinanza tal-UE u l-fehim reċiproku, permezz tal-promozzjoni tal-valuri tal-UE, l-appoġġ għar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà, l-iskambju kulturali, il-litteriżmu finanzjarju u spazju ta' informazzjoni affidabbli.

Edukazzjoni, Hiliet, Kultura, Media and Valuri

F'biljuni ta' EUR,
prezzijiet kurrenti




Il-programm Erasmus+ - li jgħaqquad l-Erasmus+ attwali mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà - se jissaħħaħ, u dan jirrifletti l-istatus tiegħu bħala wieħed mill-aktar programmi emblematiċi tal-UE. Erasmus+ se jkompli jappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja filwaqt li jsaħħaħ il-mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażaġh biex jiżviluppaw il-ħiliet u joħolqu esperjenzi kondiviżi. Erasmus+, meta jinvesti **fiż-żgħażaġh, fil-volontarjat u fl-isport**, se jgħin biex jinbnew soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar konnessi, jinkoraġġixxi l-involviment ċiviku u demokratiku, u jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali fil-livelli kollha. Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jipprovdu wkoll appoġġ qawwi għar-riformi u l-investimenti li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet u l-infrastruttura soċjali relatata, allinjati bis-siħ mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Il-programm il-ġdid AgoraEU se jappoġġa l-pilastri ta' demokrazija b'saħħitha, inklużi l-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili. Is-settur kulturali, kreattiv, awdjoviżiv u tal-media tal-UE huwa pilastru importanti tal-ekonomija u s-soċjetà tal-UE. Is-settur awdjoviżiv qed jiffaċċja kompetizzjoni qawwija minn barra l-pajjiż u minn sfidi relatati mar-rwol akbar tal-pjattaformi. Fil-qasam tal-media tal-aħbarijiet, it-tnaqqis fil-pluraliżmu fil-media u d-diżinformazzjoni qed isiru theddida għall-proġett Ewropew u għad-demokrazija. L-Ewropa qed tiffaċċja wkoll sfidi relatati mal-parteċipazzjoni demokratika, l-ugwaljanza, id-diversità kulturali u t-theddidiet għal-libertà artistika. Biex jiġu kontrobalanċjati dawn ix-xejriet, appoġġ finanzjarju mfassal tajjeb u msaħħaħ fil-livell Ewropew għandu rwol importanti. Id-diversità kulturali u lingwistika, il-wirt kulturali tagħna u l-valuri komuni tagħna tal-ugwaljanza u d-demokrazija jiddefinixxu l-identità Ewropea u se jkomplu jiġu appoġġati fil-baġit fit-tul li jmiss. It-tlaqqiġ flimkien tal-appoġġ għall-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili taħt AgoraEU se jiżgura aċċess aktar sempliċi għall-benefiċjarji permezz ta' regoli komuni u arranġamenti ta' finanzjament.

Il-programm dwar il-Ġustizzja se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' Spazju Ewropew ta' Ġustizzja effiċjenti, inklużiv u reżiljenti. Se jappoġġa wkoll id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-UE.

VII. Il-protezzjoni tan-nies u t-tisħiħ tal-preparatezza u r-reżiljenza



Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jipprovdi l-għodda biex tiġi implimentata l-Unjoni tal-Preparatezza u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ProtectEU).^{13,14} Id-diżastri u l-kriżijiet reċenti, inklużi l-pandemija, il-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżijiet tal-enerġija, u l-bosta theddidiet għas-sigurtà wrew il-valur miżjud ta' azzjoni kkoordinata bejn l-UE u l-Istati Membri biex tiżied il-preparatezza u tiġi salvagwardjata s-sigurtà interna tagħna. Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE se jsaħħaħ il-kapaċità ta' prevenzjoni, prepartezza u rispons tal-UE u jinvesti f'Ewropa sikura u sigura.

Ir-rapport Niinistö¹⁵ enfasizza l-ħafna theddidiet li qed tiffaċċja l-Unjoni u għamel rakkomandazzjonijiet konkreti dwar kif għandhom jiġu evitati u indirizzati kriżijiet kbar li jaffettwaw lill-UE jew lil xi wħud mill-Istati Membri tagħha. Il-baġit fit-tul futur se jindirizza l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-kriżijiet: il-prevenzjoni, il-preparatezza, ir-rispons, u l-irkupru u t-titjib ta' sett ta' għodod ta' prepartezza tal-UE b'appoġġ finanzjarju sinifikanti mill-baġit tal-UE.


Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili l-ġdid u l-appoġġ tal-Unjoni għall-preparatezza u r-rispons f'emerġenzi tas-saħħa se jisfruttaw s-sinerġiji bejn l-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni ċivili u l-preparatezza u r-rispons f'emerġenzi tas-saħħa. Għal QFP mibni madwar il-“prinċipju ta' prepartezza mit-tfassil”, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-finanzjament f'dan il-qasam b'ħames darbiet, għal EUR 10,7 biljun. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili se jiżgura li l-kapaċitajiet ta' rispons, inklużi l-ħażniet, jiġu żviluppatti u miżmuma fil-livell tal-UE fis-setturi u r-reġjuni rilevanti kollha, filwaqt li jikkomplementaw l-isforzi nazzjonali. Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili msaħħaħ sostanzjalment, flimkien mal-preparatezza u mar-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa se jiżguraw koordinazzjoni transsettorjali aħjar u jindirizzaw l-lakuni fil-kapaċità għall-

¹³ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza, JOIN(2025) 130 final.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ProtectEU: Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna, COM(2025) 148 final

¹⁵ Niinistö, S. (2024) [Safer together – Strengthening Europe's civilian and military preparedness and readiness.](#)

emerġenzi li jinħolqu, pereżempju, mit-tibdil fil-klima, mix-xenarju tas-sigurtà li qed jinbidel, inkluż għall-infrastruttura kritika u x-xenarju tas-saħħa globali li qed jevolvi.



Il-qafas finanzjarju li jmiss se jsarraf l-objettiv ta' "preparatezza mit-tfassil" fl-istruttura tiegħu. Minbarra l-kapaċità ċentrali tal-UE pprovduta mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jappoġġaw l-investimenti u r-riformi biex jissaħħu l-prevenzjoni tal-kriżijiet, ir-reżiljenza klimatika u l-preparatezza għalihom fil-livell tal-Istati Membri u reġjonali. Il-Faċilità tal-UE se tiffinanzja r-rispons għal diżastri u avvenimenti mhux mistennija, biex tissupplimenta l-allokazzjonijiet finanzjarji nazzjonali jew tiffinanzja direttament l-azzjonijiet fil-livell tal-UE. Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività se jsaħħaħ il-preparatezza u l-awtonomija strateġika tal-UE f'setturi ewlenin, f'teknoloġiji u fl-infrastruttura. Se jappoġġa l-bini ta' kapaċitajiet industrijali u teknoloġiji mill-aktar avvanzati (eż. l-għodod ta' appoġġ għall-kriżijiet ta' Copernicus, Galileo u IRIS²; l-innovazzjoni fis-saħħa u l-manifattura), filwaqt li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE inkluż billi jinvesti fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. L-Ewropa Globali se toffri sett ta' għodod komprensiv għall-azzjoni f'pajjiżi terzi.

Is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna. Il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tagħhom tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat għall-protezzjoni tas-sigurtà interna tagħna. Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jappoġġa lill-Ewropa biex tagħmel tajjeb għall-wegħda dejjiema tagħha ta' paċi u stabbiltà. L-Strateġija ta' Sigurtà Interna (ProtectEU) tistabbilixxi l-impenn tal-UE għal Ewropa aktar sikura u aktar sigura għaċ-ċittadini kollha tagħha.

Il-baġit fit-tul futur se jirfed l-impenn għal Ewropa aktar sikura u aktar sigura. Se jagħmel dan billi jappoġġa r-reżiljenza tal-infrastrutturi kritiċi, jippermetti l-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' emerġenza tal-Istati Membri meta jirrispondu għat-theddid għas-sigurtà interna tal-UE, jagħgorna s-sistemi għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni, u jrawwem rispons komuni għal reati serji, inkluż it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jippermetti wkoll kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi terzi b'appoġġ għas-sigurtà interna tal-Unjoni, permezz tal-Ewropa Globali.

L-Unjoni se tkompli tippovdi appoġġ għas-sikurezza nukleari. Dan se jinkludi l-kooperazzjoni internazzjonali dwar is-sikurezza nukleari, kif ukoll id-dekummissjonar tal-attivitajiet nukleari fil-Litwanja u tal-installazzjonijiet nukleari tal-UE stess. Il-kontribut tal-UE għad-dekummissjonar tal-installazzjonijiet nukleari fil-Bulgarija u fis-Slovakkja huwa mistenni li jitlesta sal-2027. Il-finanzjament mill-baġit tal-UE se jikkontribwixxi għall-appoġġ tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali, għas-sigurtà nukleari u għall-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali.

VIII. Amministrazzjoni pubblika moderna u effiċjenti għall-Ewropa

Tnaqqis ta' 5 % fil-persunal fis-snin bejn l-2013 u l-2017 segwit minn perjodu twil ta' stabbiltà fl-għadd ta' persunal ġab miegħu ffrankar konsiderevoli fin-nefqa amministrattiva – iżda ħalla wkoll diskrepanza sinifikanti fil-kapaċità tal-Kummissjoni u esponiha għal riskji marbutin mal-kontinwità tal-attivitajiet. Ix-xenarju ekonomiku u globali li qed jevolvi malajr iġġenera ħtiġijiet ġodda ta' politika u l-Kummissjoni ngħatat inizjattivi u kompiti ġodda li jeħtieġu riżorsi addizzjonali. Biex timplimenta dawn il-kompiti l-ġodda, il-Kummissjoni trid tkun mġhamra bil-livell xieraq ta' persunal bil-profilu meħtieġa. Dan jimplika wkoll li l-Kummissjoni jeħtieġ li tkun kapaċi tattira l-aħjar talent u ttejjeb il-bilanċ ġeografiku tal-persunal tagħha.

Fiż-żmien ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju 2021-2027¹⁶, il-Kummissjoni kienet ivvalutat il-ħtiġijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE kollha li jirriżultaw minn kompiti ġodda kif ukoll il-ħtieġa ta' għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà. Sa minn meta ġiet ippreżentata l-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu, ġew adottati aktar inizjattivi leġiżlattivi, mingħajr it-tisħiħ korrispondenti. Istituzzjonijiet oħra tal-UE wkoll ġew iffaċċjati bi sfidi ġodda, mhux l-inqas fir-rigward tas-sigurtà, l-IA u obbligi regolatorji ġodda li qed jestendu l-kapaċitajiet tagħhom sal-limitu. Id-distakk huwa sostanzjali wkoll fiċ-ċibersigurtà, minħabba ż-żieda fl-għadd u fis-severità tal-attakki.

Għalhekk qed jiġi propost li tiġi kkunsidrata żieda fil-persunal ta' 2500 post taħt l-intestatura amministrattiva matul l-ewwel 3 snin tal-perjodu l-ġdid, li tkopri l-ħtiġijiet stabbiliti u l-iżviluppi potenzjali sal-2027, f'konformità mal-proposti leġiżlattivi. Bl-introduzzjoni gradwali ta' din iż-żieda matul l-ewwel snin tal-perjodu li jmiss, il-Kummissjoni jkollha r-riżorsi meħtieġa biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-għeluq xierqa tal-programmi attwali, kif ukoll tħaffef it-tnedija tal-programmi tal-ġenerazzjoni l-ġdida u tipprepara l-Unjoni għat-tkabbir futur. 'Il quddiem, is-simplifikazzjoni proposta u t-tnaqqis fl-għadd ta' programmi huma mistennija li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza, li se jgħin biex jiġu akkomodati kompiti ġodda li jistgħu jinqalgħu waqt il-baġit fit-tul li jmiss. Dan, flimkien ma' rieżami fuq skala kbira tal-organizzazzjoni u l-operazzjonijiet tal-Kummissjoni, għandu jwassal għal sitwazzjoni li fiha l-istituzzjoni tkun tista' tilqa' l-isfidi futuri b'mod dirett, bl-aħjar struttura tal-persunal possibbli u bil-flessibbiltà biex taġixxi.

Fir-rigward tan-nefqa mhux relatata mas-salarji, żieda annwali ta' 2 % matul il-qafas finanzjarju li jmiss tibqa' fattibbli, dment li l-punt tat-tluq iquis il-ħtiġijiet reali. Diversi istituzzjonijiet qed jippjanaw xogħlijiet kbar ta' bini matul is-snin li ġejjin. Huwa meħtieġ investiment xieraq fl-IT, inkluż għaċ-ċibersigurtà, li fl-aħħar mill-aħħar se jgħin biex jiġu


¹⁶ SWD(2023) 336 final.

razzjonalizzati l-kostijiet futuri. Fl-aħħar nett, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna irid ikun f'pożizzjoni li jiżgura s-sigurtà tad-delegazzjonijiet. Il-baġit fit-tul li jmiss irid jindirizza l-inċertezza fl-iżviluppi tal-prezzijiet li jaffettwaw b'mod partikolari l-kostijiet fissi u obbligi legali oħra (ara t-Taqsima 3).

3. BAĠIT TAL-UE AKTAR FLESSIBBLI

Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE se jkun baġit aktar flessibbli, li jgħaqqad l-istabbiltà u l-prevedibbiltà ma' kapaċità aktar strutturali biex jadatta għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li qed jevolvu. Il-baġit fit-tul li jmiss tal-UE jrid ikun il-baġit it-tajjeb mhux biss fl-1 ta' Jannar 2028, iżda matul l-implimentazzjoni tiegħu sal-2034 u wara: irid tkun adegwat għall-futur.

Il-flessibbiltà se tkun karatteristika li tiddefinixxi l-baġit fit-tul li jmiss. Il-flessibbiltà hija ċentrali biex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jibqa' validu fil-futur, ikun reattiv u rilevanti għat-tul kollu tiegħu. Il-baġit fit-tul li jmiss jeħtieġ isib bilanċ aħjar bejn il-prevedibbiltà tal-investment u l-flessibbiltà biex jaġġusta l-fokus tal-infiq u jirrispondi għall-ħtiġijiet u l-kriżijiet mhux mistennija. Il-prevedibbiltà dejjem se tiġi żgurata għall-investimenti bħal pereżempju investimenti kbar fl-enerġija u fit-trasport kif ukoll investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li jirrikjedu ppjanar fit-tul għall-benefiċjarji, il-promoturi tal-proġetti, u l-awtoritajiet maniġerjali tagħna. Fl-istess ħin, it-tnaqqis tal-għadd ta' intestaturi u programmi se jagħmilha aktar faċli li jiġu riallokati r-riżorsi li mhumiex ipprogrammati minn qabel fi ħdan il-programmi u bejn il-programmi. Se jkun hemm aktar possibbiltajiet biex ir-riżorsi jiġu ttrasferiti bejn il-fergħat jew il-perjodi tal-programmi tal-baġit tal-UE. Barra minn hekk, l-għodod u l-istrumenti apposta ta' flessibbiltà se jissaħħu.



Il-qafas finanzjarju li jmiss se jkollu arkitettura aktar sempliċi b'inqas programmi, sehem oġġla ta' ammonti mhux ipprogrammati, kif ukoll mekkaniżmi u riżervi inkorporati li jippermettu rispons aħjar, aktar rapidu u inqas ta' tfixkil għall-ħtiġijiet li qed jevolvu. Ir-riallokazzjonijiet fi ħdan il-programmi u bejniethom se jiġu ffaċilitati billi jitnaqqsu r-riġiditajiet inkorporati fil-baġit, filwaqt li jkomplu jinħolqu kundizzjonijiet stabbli għall-investment fit-tul. Ir-rispons għad-diżastri se jiġi ssimplifikat billi l-għodod attwali jiġu integrati fil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju u fi ħdan il-programmi, fil-forma ta' riżervi u salvagwardji, kif ukoll bi proċeduri simplifikati għar-ridirezzjonar tal-finanzjament. L-istrumenti speċjali "li jaqbżu" l-limiti massimi se jiġu razzjonalizzati, bl-Istrument ta' Flessibbiltà jipprovdi appoġġ għal ħtiġijiet ġodda jew mhux mistennija meta ma jkunux disponibbli flessibbiltajiet oħra. L-istrument ta' Flessibbiltà, minbarra ammont annwali fiss, se

jinkludi ammonti ekwivalenti għad-diżimpenji li saru fis-sena preċedenti kif ukoll għall-multi netti mdaħħla fil-baġit fis-sena preċedenti¹⁷.

Dawn l-aħħar snin wrew ukoll li l-frekwenza, is-severità u l-profondità tal-kriżijiet, it-tbatija u t-theddidiet severi żdiedu. Ir-riġidità tal-istruttura baġitarja attwali rrestrinġiet lill-Unjoni fir-rispons tagħha għal kriżijiet bħal dawn. Dan issottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun mgħammra strutturalment b'għodod flessibbli u xierqa biex twieġeb għalihom.

Se jiġi stabbilit mekkaniżmu straordinarju u temporanju ġdid biex jirreaġixxi għall-konsegwenzi ta' kriżijiet severi, tbatija serja jew theddidiet serji li jaffettwaw lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha. Din l-għodda straordinarja għall-kriżijiet se tipprovdi self lill-Istati Membri appoġġat minn self tal-UE għall-perjodu tal-baġit fit-tul li jmiss biss, jekk isseħħ xi kriżi serja. L-attivazzjoni ta' din l-għodda straordinarja u mmirata ta' rispons għall-kriżijiet se tiġi deċiża mill-Kunsill, wara li jingħata l-kunsens mill-Parlament Ewropew u filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitajiet u l-ħtiġijiet tal-kriżi. Il-Kunsill se jawtorizza s-self mill-Kummissjoni, mis-swieq kapitali, tal-ammont għas-self lill-Istati Membri, kif meħtieġ u skont iċ-ċirkostanzi. Il-baġit fit-tul li jmiss irid ikun lest biex jirreaġixxi malajr u b'mod effiċjenti jekk isseħħ kriżi kbira. L-implimentazzjoni ta' din l-għodda ta' rispons għall-kriżijiet se tiżgura bilanċ istituzzjonali inkluż permezz tal-involvement dovut u adegwat tal-Parlament Ewropew.

Mekkaniżmu ġdid ta' tmexxija politika se jipprovdi governanza interistituzzjonali b'saħħitha għall-allokazzjoni ta' riżorsi flessibbli. Il-flessibbiltà se tkun sostnuta minn governanza b'saħħitha u proċess trasparenti, bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiggwidaw il-prijoritajiet ta' investiment għall-programmi tal-UE. B'aktar flessibbiltà fil-baġit, hemm bżonn li l-istituzzjonijiet tal-UE jidentifikaw il-prijoritajiet ewlenin li għandhom jiġu ffinanzjati, li mbagħad jiggwidaw il-proċedura baġitarja annwali. Il-mekkaniżmu ta' tmexxija se jżomm il-baġit tal-UE allinjat aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-Unjoni u jippermettilha twieġeb b'mod aktar flessibbli għal realtà li qed tinbidel b'ħeffa. Dan se jkun appoġġat minn rapport integrat dwar l-istrateġija, li jibni fuq il-proċessi u r-rapporti settorjali eżistenti bħas-Semestru Ewropew, l-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività l-ġdida, l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, ir-rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, u r-Rapport dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. Ir-rapport, strutturat skont l-oqsma ta' politika ewlenin, se jidentifika l-prijoritajiet fil-livell tal-UE li għandhom jiġu diskussi u maqbula mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Il-kapaċità tal-baġit ma għandhiex tiddependi fuq xokkijiet inflazzjonarji mhux mistennija. F'dawn l-aħħar snin, l-inflazzjoni għolja kienet ta' piż sostanzjali fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE¹⁸. Dan wassal għal baġit imnaqqas għall-awtoritajiet regionali, il-bdiewa jew ir-riċerkaturi. Għall-baġit fit-tul li jmiss il-Kummissjoni qed tipproponi li l-limiti massimi jkomplu jkunu bbażati fuq deflatur fiss ta' 2 % meta l-inflazzjoni tal-UE tkun bejn 1 % u 3 %. Meta l-inflazzjoni reali tkun inqas minn 1 % jew ogħla minn 3 %, l-aġġustament se jsir abbażi tal-inflazzjoni reali, filwaqt li jiġi żgurat li l-kapaċità tal-baġit tal-UE, li jagħti riżultati, ma tiġix affettwata bla bżonn.

¹⁷ Il-Kummissjoni se tipproponi fi żmien debitu emenda tar-Regolament Finanzjarju li ttawwal it-trattament tad-dħul negattiv stabbilit fl-Artikolu 48(2) tiegħu wara l-2027.

¹⁸ Dan ġie enfasizzat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri [Rapporti Annwali tal-2022 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022 u dwar l-attivitajiet iffinanzjati mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp \(FEŻ\) għas-sena finanzjarja 2022.](#)

Filwaqt li l-flessibbiltà tippermetti l-adattament għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu, il-prevedibbiltà hija meħtieġa għall-benefiċjarji u għall-ippjanar finanzjarju tal-Istati Membri. Diversi karatteristiċi tal-proposti tal-Kummissjoni se jtejbu l-prevedibbiltà fil-baġit fit-tul li jmiss, billi jibdew bi tnaqqis u bir-razzjonalizzazzjoni ta' strumenti li jaqbżu l-limiti massimi. Il-ħlas lura tan-NextGenerationEU se jkun aktar prevedibbli milli fil-perjodu attwali, peress li mhux se jkun hemm il-ħruġ nett ġdid ta' bonds. Il-volatilità li jifdal minħabba operazzjonijiet ta' rifinanzjament se tkun koperta kollha kemm hi minn pakkett annwali fiss għall-ħlas lura tan-NextGenerationEU, li jkopri kemm l-imgħax kif ukoll il-kapital.

4. BAĠIT TAL-UE AKTAR SEMPLIĊI U LI JĦALLI IMPATT AKBAR

Il-baġit tal-UE huwa mfassal l-ewwel u qabel kollox għar-riċevituri finali tiegħu. Is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tar-regoli u tal-proċessi għall-aċċess tal-finanzjament tal-UE jnaqqsu l-piżijiet fuq ir-riċevituri u l-benefiċjarji tal-fondi tal-UE, speċjalment in-negozji ż-żgħar. B'regoli u arranġamenti tal-awditjar simplifikati, il-promoturi tal-proġetti se jkunu jistgħu jiffukaw fuq il-kisba tar-riżultati.

L-aċċess għall-fondi tal-UE għall-benefiċjarji se jsir aktar faċli. Portal uniku se jikkonsolida l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament u jipprovdi gateway unika għall-promoturi tal-proġetti tal-UE għal aċċess simplifikat għall-informazzjoni, filwaqt li jibni fuq l-esperjenzi tal-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti u tal-Portal STEP. Is-servizzi ta' konsulenza u ta' appoġġ għan-negozji se jiġu ssimplifikati. Dan se jnaqqas iż-żmien meħtieġ biex tiġi lokalizzata l-informazzjoni rilevanti dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament.

Il-qafas finanzjarju li jmiss se jkollu arkitettura aktar sempliċi, b'inqas programmi, u dan inaqqas il-piż amministrattiv. Dan inaqqas it-trikkib, jimmassimizza s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala u jżid iċ-ċarezza tal-baġit kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' oqfsa regolatorji stabbli taħt ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta jnaqqas il-piż amministrattiv. Bil-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se niksbu tnaqqis sinifikanti fid-dokumenti ta' programmazzjoni, apparagun tal-għadd ripetut attwali ta' pjanijiet u programmi ta' ħidma taħt diversi fondi, u b'hekk jitnaqqas il-piż fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali.

Biex jiżdied l-impatt, il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jiddependi b'mod estensiv fuq il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati. Dan se jċaqlaq l-enfasi għal fuq dak li huwa essenzjali: l-iżgurar li l-investment qed jagħti r-riżultati mixtieqa. Il-finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati, fejn il-finanzjament jista' jiġi żborżat għat-tlestija tal-passi intermedjarji, se jiżgura li l-finanzjament tal-UE jilħaq l-ekonomija reali aktar malajr. L-użu aktar mifrux ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u ta' finanzjament mhux marbut ma' kostijiet se jnaqqas b'mod sinifikanti l-obbligi ta' rappurtar fuq ir-riċevituri tal-fondi billi jiffoka l-verifiki u l-kontrolli fuq ir-riżultati tal-proġetti aktar milli fuq il-kostijiet.

L-użu estiż tal-istrumenti finanzjarji u tal-garanziji baġitarji se jżid l-ingranaġġ u jippermetti li l-baġit tal-UE jkollu rwol aktar b'saħħtu fit-tneħħija tar-riskji tal-investment privat u fl-iżblukkar tal-finanzjament minn investituri istituzzjonali. Is-sħab privati u l-investment tas-settur privat huma dejjem aktar rilevanti għal firxa wiesgħa ta' politiki u programmi. Għalhekk, il-garanziji baġitarji, l-istrumenti finanzjarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit (li jikkombinaw l-appoġġ ripagabbli ma' komponent ta' għotja) se

jsiru parti integrali mis-sett ta' għodod ta' finanzjament, filwaqt li jappoġġaw prodotti bħad-dejn ta' riskju, is-self u l-investimenti ta' ekwità.

Iż-żieda fl-użu ta' strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji se tkun akkumpanjata minn governanza simplifikata. Sett armonizzat ta' regoli tekniċi kemm għall-programmi interni kif ukoll għal dawk esterni se jippromwovi l-koerenza fil-baġit kollu u jnaqqas il-piż amministrattiv għas-sħab ta' implimentazzjoni. Se tiġi stabbilita garanzija baġitarja unika għall-politiki interni, stabbilita fi ħdan il-Fond Ewropew għall-Kompetittività iżda aċċessibbli għal programmi oħra. Din se tkun akkumpanjata minn garanzija separata għall-politiki esterni stabbiliti fi ħdan l-Ewropa Globali. Arkitettura miftuħa - li tippermetti l-kooperazzjoni ma' varjetà ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali bħall-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-banek promozzjonali nazzjonali u l-Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp - se tibqa' l-karatteristika ewlenija tal-baġit fit-tul tal-UE.

L-impatt tal-baġit fit-tul li jmiss tal-UE se jkompli jiżdied bl-użu tas-self għall-implimentazzjoni ta' politiki lill-Istati Membri u, taħt l-Ewropa Globali, lil pajjiżi terzi, li jkompli jingrana l-arkitettura finanzjarja tal-UE. Dan se jżid l-impatt tal-baġit tal-UE billi jipprovdi aktar riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġati l-għanijiet tal-politika tal-UE permezz ta' teħid ta' self għall-għoti ta' self, filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi għall-pajjiż. Tali appoġġ addizzjonali se jkun disponibbli għall-Istati Membri meta jfasslu l-pjan tal-bidu tagħhom, biex ikunu jistgħu jaċċessaw ammont ta' finanzjament proporzjonali għall-ħtiġijiet u l-ambizzjonijiet tagħhom.

Konsistenza akbar bejn il-prijoritajiet ta' investment tal-UE u dawk nazzjonali se timmassimizza l-impatt u l-effettività tal-finanzjament. Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri se jgħinu lill-UE, lill-Istati Membri u lir-reġjuni jallinjaw il-prijoritajiet ta' investment u riforma. Dawn is-sħubijiet se jikkombinaw il-kofinanzjament tal-UE u nazzjonali biex jiffinanzjaw inizzjattivi li jaqdu l-prijoritajiet tal-UE filwaqt li jirrispondu għall-ħtiġijiet lokali.

Qafas ta' prestazzjoni msaħħaħ se jappoġġa t-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u jżid it-trasparenza. Dan se jiżgura li l-prijoritajiet orizzontali jiġu applikati b'mod konsistenti fil-baġit kollu tal-UE, inkluż għall-klima u l-bijodiversità, il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", il-politiki soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Mira ġenerali ta' nfiq għall-klima u l-ambjent ta' mill-inqas 35 % tal-ammont totali tal-baġit se tgħin biex l-appoġġ jiġi orjentat lejn l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-qafas ta' prestazzjoni se jipprovdi sett wieħed u proporzjonat ta' regoli għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-programmi kollha tal-UE.

Dan il-qafas ta' prestazzjoni se jkollu simplifikazzjoni kbira, li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi assoċjati mal-monitoraġġ u r-rappurtar. Sistema unika ta' monitoraġġ tan-nefqa u ta' prestazzjoni se tapplika għall-programmi rilevanti kollha, li tippermetti ħarsa ġenerali komprensiva ta' fejn jiġu allokat i-fondi tal-UE u xi jwettqu. Il-qafas jissostitwixxi aktar minn 5,000 indikatur b'sett simplifikat ta' madwar 900 indikatur tal-output u tar-riżultati, jikkonsolida 32 rapport li huma speċifiċi għall-programm f'Rapport Annwali wieħed dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni, u jgħaqqad aktar minn 30 portal online b'informazzjoni dwar il-baġit f'punt ta' dħul wieħed faċli għall-utent ("Gateway Unika"), inaqas il-piż għall-benefiċjarji u jtejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni dwar il-baġit. F'konformità mar-

rakkomandazzjonijiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, se jiżgura li l-effettività u l-effiċjenza tal-baġit tal-UE jkunu jistgħu jiġu vvalutati b'mod konsistenti¹⁹.

5. L-ISTAT TAD-DRITT, ID-DRITTIJET FUNDAMENTALI U L-PROTEZZJONI TAL-INTERESSI FINANZJARJI TAL-UNJONI

Ir-rispett għall-Istat tad-dritt huwa rekwiżit għall-fondi kollha. Huwa essenzjali li l-infiq tal-UE jkollu salvagwardji b'saħħithom dwar l-istat tad-dritt biex jiggarantixxi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-istess ħin, l-esperjenza bl-istrumenti ta' finanzjament attwali turi li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-investimenti u r-riformi li jsaħħu l-istat tad-dritt jista' joffri valur miżjud reali. Il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jiżguraw rabta b'saħħitha bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju għar-riformi u l-miżuri mmirati li jagħtu spinta lill-kapaċitajiet istituzzjonali u tas-soċjetà ċivili fil-ħarsien tal-istat tad-dritt. Il-kombinazzjoni ta' appoġġ finanzjarju għar-riformi tal-istat tad-dritt flimkien ma' applikazzjoni stretta ta' salvagwardji u kundizzjonalitajiet se jiżguraw li l-baġit tal-UE jkun protett u jintuża biex iwassal Unjoni bbażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

Is-sħubijiet nazzjonali u reġjonali se jirrikjedu li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji tal-istat tad-dritt u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dawn, filwaqt li jibnu fuq il-karatteristiċi tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, se jippermettu l-fluss tal-flus meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ewlenin ta' konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-qafas finanzjarju li jmiss, għandu jkun hemm, bħal kif hemm illum fin-NextGenerationEU, il-possibbiltà li jiġu mblukkati l-pagamenti f'każ ta' nuqqasijiet sistemiċi marbuta mal-istat tad-dritt, pereżempju billi jiġi sospiż il-finanzjament marbut mal-istituzzjonijiet edukattivi f'każ li jkun hemm problema bid-dritt fundamentali marbut mal-libertà akkademika.

Il-baġit tal-UE se jappoġġa wkoll riformi li jsaħħu l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt. Dan se jipprovi inċentivi pożittivi għall-Istati Membri kollha biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom li jirrispettaw l-istat tad-dritt billi jsostnu u jiżviluppaw aktar soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet, demokratiċi, ugwali u inklużivi, jippromwovu u jiddefendu l-istat tad-dritt permezz tat-tisħiħ tas-sistemi ġudizzjarji, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media u sistema effettiva ta' kontrokkontrolli, kif ukoll isaħħu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u l-kapaċità istituzzjonali.

Ir-Regolament Finanzjarju jiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minnha fl-Artikolu 2 tat-TUE rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, li mhuwiex marbut biż-żmien, se jkompli jipproteġi l-baġit tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Se jkun l-aħħar linja ta' difiża tagħna, li tapplika għall-programmi kollha tal-UE.

It-trasparenza dwar il-benefiċjarji tal-baġit tal-UE se tissaħħaħ. Mill-2028, l-informazzjoni dwar ir-riċevituri tal-fondi tal-UE se tiġi ppubblikata f'bażi tad-data

¹⁹ Ir-Rapport Analitiku tal-QEA 03/2025, l-Opportunitajiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027.

ċentralizzata fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, biex tipproteġi l-baġit tal-UE, b'mod partikolari minn użu ħażin biex jitrawmu fehmiet radikali jew estremisti fl-Istati Membri, lesta tesplora proċessi jew miżuri ġodda għal skrinjar bir-reqqa, bbażat fuq ir-riskju, tal-benefiċjarji tal-finanzjament tal-UE, għar-riskji ta' sigurtà u ta' inkompatibbiltà mal-valuri tal-UE. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju kif emendat fl-2024, il-kundanna ta' inċitament għad-diskriminazzjoni, għall-mibegħda jew għall-vjolenza hija raġuni ġdida għall-esklużjoni mill-finanzjament tal-UE li se tiġi applikata bir-reqqa. Is-sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni, li tipproteġi l-baġit tal-UE mill-frodi u l-irregolaritajiet, se tiġi estiża għall-fondi implimentati taħt ġestjoni kondiviża.

Il-baġit tal-UE jrid jiddependi fuq strateġija b'saħħitha ta' awditjar u kontroll, inkluża kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintefqu f'konformità mar-regoli applikabbli. Fir-rigward tas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, il-Kummissjoni se sserraħ fuq il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri u se tikkomplimentahom bil-kontrolli tagħha stess, iffukati fuq is-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri biex tiżgura l-protezzjoni rigoruża tal-interessi finanzjarji tal-UE. Se tikkombina wkoll kontrolli *ex ante* u *ex post* dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, jiġifieri l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, billi tibda bl-analiżi tal-pjanijiet ippreżentati mill-Istati Membri, imbagħad twettaq kontrolli fuq it-talbiet għall-pagamenti sottomessi, u fl-aħħar nett, twettaq awditi *ex post*.

Ir-rieżami li għaddej tal-arkitettura kontra l-frodi se jiżgura li l-atturi kollha involuti – inkluż l-OLAF, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Europol – jikkollaboraw aktar mill-qrib, biex jiġġieldu l-irregolaritajiet, il-frodi u l-korruzzjoni li jaffettwaw il-baġit tal-UE. Dan ir-rieżami komprensiv, li jinvolvi l-atturi kollha rilevanti fi ħdan l-arkitettura tal-UE kontra l-frodi, se jgħid aktar sinerġiji u effiċjenzi filwaqt li jevita d-duplikazzjoni f'kull stadju ta' ċiklu kontra l-frodi: il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-korrezzjoni tal-frodi, u l-irkupru tal-ammonti kkonċernati, inklużi dawk għall-baġit tal-UE.

6. BAĠIT AMBIZZJUŻ TAL-UE FFINANZJAT MINN DĦUL MODERN

Is-saħħa finanzjarja tal-baġit tal-UE trid tkun proporzjonata mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni. L-iskala tal-isfidi interni li qed tiffaċċja l-Unjoni, flimkien ma' inċertezza ġeopolitika akbar u kompetizzjoni li qed tintensifika, ifissru li l-UE trid tkun mgħammra b'baġit ta' kobar suffiċjenti biex tagħmel differenza reali fl-oqsma ta' prijorità deskritti f'din il-komunikazzjoni. U trid tagħmel dan fl-isfond tal-obbligu li tħallas lura s-self tan-NextGenerationEU mill-2028.

Il-Kummissjoni qed tipproponi baġit fit-tul tal-UE ta' EUR 1,98 triljun, ekwivalenti għal 1,26 % tal-ING tal-UE. Il-lat tan-nefqa u l-lat tad-dħul tal-baġit tal-UE huma żewġ uċuħ tal-istess munità. Il-kombinazzjoni unika ta' sfidi urġenti u restrizzjonijiet finanzjarji stretti tippreżenta opportunità unika biex isseħħ il-modernizzazzjoni li hija meħtieġa b'mod urġenti ħafna fil-lat tan-nefqa u fil-lat tad-dħul tal-baġit.

Biex jiġi appoġġat qafas finanzjarju pluriennali aktar ambizzjuż li jirrispondi b'mod effettiv għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u biex jiġi indirizzat il-ħlas lura tan-NextGenerationEU, huma essenzjali riżorsi proprji ġodda. L-Unjoni teħtieġ sforz finanzjarju kollettiv li ma jistax jitħallas mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali waħedhom. L-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda se tnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri u tiżgura l-finanzjament sostenibbli tal-politiki komuni tal-UE, filwaqt li żżomm il-kontribuzzjonijiet

nazzjonali stabbli b'mod ġenerali. Il-baġit tal-UE huwa dwar il-ħolqien ta' valur miżjud Ewropew għal kulħadd, li jitlob ukoll il-finanzjament konġunt tal-prijoritajiet komuni.

Għalhekk, bħala parti mill-proposta għall-baġit fit-tul il-ġdid, il-Kummissjoni qed tipproponi Deċiżjoni ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji. Din il-proposta timmodernizza u tiddiversifika s-sorsi ta' dħul għall-baġit tal-UE. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-limiti massimi tar-riżorsi proprji għall-pagamenti għal 1,75 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-EU-27 biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament oġġla u l-ħtieġa li jkollha marġni suffiċjenti, biex tiżgura li l-Unjoni tkun tista' – taħt kwalunkwe ċirkostanza – tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha.

Il-Ftehim Interistituzzjonali kellu l-għan li jfassal u jmexxi n-negozjati dwar ir-riżorsi proprji l-ġodda wara l-2020. Dawn in-negozjati waqfu. Biex tagħti impetu ġdid lin-negozjati, il-Kummissjoni rrieżaminat il-lat tad-dħul kollu tal-baġit tal-UE. Dan jinkludi l-introduzzjoni ta' kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji u l-proposta ta' aġġustamenti mmirati għal riżorsi proprji eżistenti. Il-finanzjament tal-baġit tal-UE jista' jissaħħaħ ukoll bl-introduzzjoni ta' sorsi oħra ta' dħul. Il-pakkett propost huwa konformi mal-prijoritajiet politiċi tal-UE, abbażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti jew tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji nnifisha, u jista' jiġi implimentat b'piż amministrattiv raġonevoli.

Riżorsi proprji ġodda għall-finanzjament tal-prijoritajiet tal-UE

Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet hija marbuta mill-qrib mal-miri klimatiċi tal-Unjoni u għandha potenzjal sinifikanti ta' dħul. Ir-riżorsa proprja possibbli permezz tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għandha vantaġġi uniċi f'termini ta' disponibbiltà immedjata u skala suffiċjenti. Filwaqt li 30 % tad-dħul imur għall-baġit tal-UE, il-biċċa l-kbira tad-dħul mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet ikompli jmur fil-baġits nazzjonali.

Ir-riżorsa proprja mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri tista' titqies bħala “d-dimensjoni esterna” tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, u għalhekk ir-riżorsa proprja relatata tibqa' element integrali tal-pakkett. Il-mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri jiżgura li l-importazzjonijiet lejn l-UE jkunu soġġetti għal prezz tal-karbonju ekwivalenti għall-produzzjoni ta' dawn l-istess oġġetti fl-UE.

Riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-ammont ta' skart elettroniku mhux miġbur twassal għal eżiti ambjentali pożittivi, filwaqt li tappoġġa l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fil-materja prima kritika. L-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, jew l-iskart elettroniku, huwa wieħed mill-flussi ta' skart li qed jikbru bl-aktar rata mgħaġġla. Peress li l-iskart elettroniku fih materja prima kritika importanti, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid għandhom rwol sinifikanti fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fornituri barranin. Minkejja l-progress notevoli fir-riċiklaġġ, ir-rata tal-ġbir għadha ferm taħt il-miri tal-Unjoni. L-implimentazzjoni ta' kontribuzzjoni nazzjonali bbażata fuq l-iskart mhux miġbur irrappurtat mill-Istati Membri se tinċentiva t-tnaqqis tal-iskart u thegġegħ il-ġbir separat.

Skont ir-Riżorsa Korporattiva proposta għall-Ewropa, il-kumpaniji se jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-baġit tal-UE. Diversi programmi ta' finanzjament tal-UE jappoġġaw lill-kumpaniji fl-immodernizzar, fl-innovazzjoni u fl-espansjoni. Il-baġit fit-tul il-ġdid tal-UE se jagħti spinta lill-kompetittività u lit-tkabbir ekonomiku u jtejjeb l-ambjent tan-negozju

permezz ta' investimenti fit-tul, b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Fil-prinċipju, ir-riżorsa proprja mhux se tapplika għall-SMEs.

Riżorsa Proprja mid-Dazju tas-Sisa fuq it-Tabakk tappoġġa l-oġġettivi tal-politika tas-saħħa tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin tiġġenera dħul għall-baġit tal-UE. Reġimi ta' tassazzjoni diverġenti fl-Unjoni għandhom effetti negattivi fuq il-politiki tal-Istati Membri biex jiskoraġġixxu l-konsum tat-tabakk permezz tat-tassazzjoni. Il-proposta għal Riżorsa Proprja mid-Dazju tas-Sisa fuq it-Tabakk hija komplementari għar-riformulazzjoni li jmiss tad-direttiva dwar id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk, li għandha l-għan li tadatta d-dazji tas-sisa minimi tal-UE u ċerti kategoriji ta' prodotti tat-tabakk tradizzjonali li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

Aġġustamenti għar-riżorsi proprji eżistenti

Qed jiġu proposti aġġustamenti mmirati għar-riżorsi proprji eżistenti biex tiġi ppreservata l-bażi tad-dħul tal-baġit tal-UE. Ir-Riżorsi Proprji Tradizzjonali, li jikkonsistu primarjament f'dazji doganali, jinġabru mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni. Barra minn hekk, qed jiġi propost li tiżdied ir-rata ta' għbir għar-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat, li ġiet introdotta fil-bidu tal-qafas finanzjarju attwali, biex jitqiesu l-iżviluppi fl-inflazzjoni.

Dħul ieħor

Il-baġit tal-UE jista' jiġi ffinanzjat ukoll permezz ta' dħul ieħor. Dħul ieħor li jissupplimenta r-riżorsi proprji. Dan jidħol direttament fil-baġit tal-UE, u jnaqqas il-pessjoni fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali mill-Istati Membri. Dħul ieħor addizzjonali se jiġi ġġenerat, pereżempju, billi jiżdied il-livell tat-tariffa eżistenti tal-ETIAS, biex tiġi allinjata ma' ġuriżdizzjonijiet oħra. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ukoll biex tintroduċi tariffi ġodda relatati mal-politiki tal-Unjoni.

7. KONKLUŻJONI

In-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034 huma opportunità għall-Unjoni biex turi għaqda fl-iskop u biex tgħammar lill-Unjoni bil-mezzi biex twettaq l-ambizzjonijiet kollettivi tagħha.

Il-Kummissjoni qed tipproponi baġit fit-tul tal-UE ambizzjuż, flessibbli u li jħares 'il quddiem. Dan jibni fuq il-punti b'saħħithom u l-prinċipji fundamentali tal-qafas attwali, filwaqt li jagħmilhom aktar sempliċi, aktar flessibbli u li jħallu impatt akbar. Il-bidliet inkrementali mhux se jkunu biżżejjed biex isolvu l-ekwazzjoni baġitarja kumplessa, b'aspettattivi kbar fuq l-Unjoni biex tagħti riżultati filwaqt li tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha skont in-NextGenerationEU. Dan ifisser li l-affarijiet jridu jsiru b'mod differenti, filwaqt li jiġi żgurat li kull euro jgħin biex l-Ewropa timxi 'l quddiem.

Governanza robusta, trasparenza u sorveljanza politika b'saħħitha huma integrali għal kull parti ta' dawn il-proposti. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill biex jintlaħaq ftehim ambizzjuż, ibbilanċjat u f'waqtu dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u dwar il-programmi settorjali. Bħala awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jmexxu l-baġit fit-tul, filwaqt li jiżguraw li jibqa' allinjat bis-sħiħ mal-prijoritajiet kondiviżi tagħna tul il-perjodu kollu tiegħu.

Ewropa aktar indipendenti trid tkun lesta li tieħu d-destin tagħha f'idejha. L-Unjoni ma tistax tibbaża ruħha biss fuq oħrajn biex tiddefendi l-interessi u l-valuri tagħha. Dan ifisser li jeħtieġ li nużaw l-għodod kollha disponibbli biex nimplimentaw l-aġenda kondiviża tagħna u nbiddlu l-ambizzjonijiet f'realtà. Il-baġit tal-UE għandu s-setgħa li jisfrutta l-investimenti u r-riformi li huma kruċjali għall-prosperità, il-koeżjoni, is-sigurtà u s-sostenibbiltà futuri tal-Unjoni.

Wasal iż-żmien li naħdmu flimkien biex dan isir realtà.

Anness. II-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 - Tabelli

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2028-2034 (F'IMPENJI)

Ammonti nominali fi prezzijiet kurrenti, f'miljuni ta' EUR	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total 2028-2034
Il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, il-politika marittima, il-prosperità u s-sigurtà	163,088	160,860	158,053	155,565	152,274	140,140	132,240	1,062,220
Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, li minnhom:	135,571	133,134	130,130	127,411	123,879	111,535	103,415	865,075
Appoġġ għall-introjt tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)	42,003	41,994	41,985	41,976	41,965	41,908	41,870	293,701
Migrazzjoni u għestjoni tal-fruntieri	5,847	5,633	5,407	5,170	4,922	3,945	3,291	34,215
Il-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali	75,768	73,334	70,769	68,074	65,240	53,715	46,065	452,965
<i>p.m. Fond Soċjali għall-Klima</i>	10,500	10,300	10,100	9,800	9,400	-	-	50,100
Interreg	10,512	8,951	7,782	6,810	5,840	4,524	3,555	10,264
Faċilità tal-UE - Azzjonijiet tal-Unjoni	900	900	8,690	8,852	8,353	8,853	9,012	63,223
<i>Xibka ta' Sikurezza fi-Għaqda/Riżerva agrikola</i>	2,706	2,760	2,815	2,872	2,929	2,988	3,047	20,117
<i>Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE</i>	3,401	3,469	3,539	3,609	3,682	3,755	3,830	25,285
<i>Faċilitajiet Tematiċi HOME</i>	3,505	1,822	1,436	1,471	841	1,210	1,235	11,520
<i>Ohrain (bliet, impjegji u innovazzjoni soċjali...)</i>	1,440	1,469	1,498	1,528	1,559	1,622	1,622	10,706
<i>Faċilità tal-UE - Riżerva</i>	58	63	61	62	64	64	66	438
Appoġġ lill-Komunità Ciprojotta Torka	2,677	2,866	3,048	3,261	3,483	3,676	3,877	22,888
Aġenziji deċentralizzati, li minnhom:	1,309	1,421	1,561	1,694	1,827	1,963	2,113	11,888
Frontex	320	361	395	430	464	498	531	2,999
Europol	24,000	24,000	24,000	24,000	24,000	24,000	24,000	168,000
Ħlas lura tal-NGEU	782	798	814	831	847	864	881	5,817
Marġni	66,875	81,300	83,176	87,312	88,611	90,706	91,614	589,594
Il-kompetittività, il-prosperità u s-sigurtà	42,703	56,863	58,374	70,978	72,286	74,158	75,346	450,508
Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività	42,653	56,613	58,324	61,925	62,343	63,498	63,945	409,301
Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (eskluż il-Fond għall-Innovazzjoni)	16,243	25,183	26,265	26,891	26,607	27,048	26,765	175,002
Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali	3,004	3,566	3,636	12,971	13,940	14,737	15,560	67,416
<i>Il-komponent tal-QFP</i>	2,954	3,516	3,586	3,919	3,997	4,077	4,159	26,210
<i>p.m. Il-Fond għall-Innovazzjoni</i>	50	50	50	9,052	9,943	10,660	11,401	41,206
<i>Ir-reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Diffiż, u l-Ispazju</i>	14,733	17,534	17,884	19,544	19,935	20,334	20,741	130,704
<i>Tmexxija Diġitali</i>	6,176	7,350	7,497	8,194	8,358	8,525	8,695	54,793
<i>Is-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bjoeconomija</i>	2,547	3,031	3,092	3,378	3,446	3,515	3,585	22,593
<i>Ammont minimu ECF — Servizzi ta' konsulenza tal-Istrument InvestEU</i>	1,143	1,643	1,642	1,643	1,643	1,643	1,643	11,000
<i>kontribuzzjoni indikattiva mit-tweġġi (parti mill-ECF totali)</i>	5,261	5,440	5,625	5,819	6,019	6,224	6,439	40,827
Erasmus+	10,906	11,290	11,342	11,569	11,982	12,045	12,294	81,428
Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	7,124	7,354	7,246	7,308	7,550	7,434	7,499	51,515
<i>Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) - Trasport, li minnha:</i>	2,842	2,899	2,609	2,483	2,533	2,214	2,071	17,651
<i>Mobbiltà militari</i>	3,782	3,936	4,096	4,261	4,432	4,610	4,795	29,912
<i>Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Enerġija</i>	1,316	1,437	1,477	1,535	1,569	1,644	1,697	10,675
Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili + (UCPM+)	1,099	1,139	1,180	1,223	1,268	1,313	1,360	8,582
AgoraEU	230	238	247	256	265	275	285	1,796
<i>Ewropa Kreattiva - Kultura</i>	409	424	439	455	472	489	506	3,194
<i>Media+</i>	460	477	494	512	531	550	569	3,593
<i>Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri</i>	833	916	860	885	904	915	925	6,238
Programm għas-Suq Uniku	1,599	1,434	1,287	1,143	1,219	1,653	1,459	9,794
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, li minnu:	946	848	762	676	721	978	863	5,794
<i>Kontribuzzjoni għall-ITER</i>	-	-	-	-	-	-	-	-
Strument għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni (ESI)	1	1	1	1	1	1	1	7
Protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-"programm Pericles V")	91	124	87	84	94	94	104	678
Dekummissjonar nukleari (il-Litwanja)	135	103	121	128	144	158	177	966
Kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari u d-dekummissjonar Ġustizzja	101	105	109	114	118	123	128	798
Aġenziji deċentralizzati	1,271	1,319	1,354	1,397	1,441	1,486	1,530	9,798
Ohrain (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	699	273	277	302	306	320	316	2,493
Marġni	908	1,104	1,129	1,185	1,203	1,231	1,239	7,999
Ewropa Globali	24,555	25,127	25,578	30,603	35,761	36,442	37,137	215,203
Strument Ewropa Globali (*)	22,787	23,243	23,708	28,448	33,369	34,037	34,717	200,309
<i>It-Tkabir, il-Viċinat tal-Lvant, u l-bqija tal-Ewropa</i>	4,843	4,940	5,039	6,046	7,093	7,235	7,380	42,576
<i>L-Afrika sub-Saħarjana</i>	6,795	6,931	7,069	8,482	9,950	10,149	10,352	59,728
<i>L-Asja u l-Paċifiku</i>	1,900	1,938	1,976	2,372	2,782	2,838	2,895	16,701
<i>Il-kontinent Amerikan u l-Karibew</i>	1,024	1,045	1,065	1,278	1,499	1,529	1,560	9,000
<i>Il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq, u l-Golf</i>	4,835	4,932	5,030	6,036	7,080	7,222	7,367	42,502
<i>Affarijiet Globali</i>	1,706	1,741	1,775	2,131	2,498	2,548	2,598	14,998
<i>Riżerva</i>	1,684	1,718	1,752	2,103	2,467	2,517	2,567	14,808
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	443	454	467	483	494	507	521	3,369
Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (OCT) (inkluż Greenland)	94	144	147	199	153	156	106	999
Ohrain (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	310	344	297	325	404	376	400	2,456
Marġni	920	942	958	1,147	1,340	1,366	1,392	8,065
Amministrazzjoni	14,945	15,584	16,281	16,870	17,466	18,062	18,669	117,877
Marġni totali	2,714	1,196	1,229	1,463	1,663	2,051	2,074	12,390
TOTAL	269,463	282,871	283,088	290,350	294,112	285,350	279,660	1,984,894
F% tal-ING (UE-27)	1.31%	1.33%	1.29%	1.29%	1.27%	1.19%	1.13%	1.26%
Lil hinn mil-limiti massimi, li minnhom:	2,122	2,165	2,208	2,252	2,297	2,343	2,390	15,777
Strument ta' Flessibilità	14,286	14,286	14,286	14,286	14,286	14,286	14,286	100,002
L-Ukrajna								(150 biljun)
Katalizzatur għall-Ewropa (NRPPs ta' self ta' politika)								(0.25 % tal-ING - 395 biljun)
Mekkaniżmu ta' kriżi								
Barra mill-QFP	4,357	4,357	4,357	4,357	4,357	4,357	4,357	30,499
Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi								

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2028-2034 (F'IMPENJI)

Ammonti nominali fi prezzijiet tal-2025, f' miljuni ta' EUR	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total 2028-2034
II-koeżżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, I-agrikoltura u ż-żoni rurali, il-politika marittima, il-prosperità u s-sigurtà	153,681	148,610	143,153	138,137	132,563	119,607	110,652	946,404
Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Regionali, li minnhom:	127,751	122,995	117,863	113,137	107,844	95,194	86,533	771,317
Appoġġ għall-introju tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)	39,580	38,796	38,027	37,274	36,533	35,768	35,035	261,013
Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri	5,510	5,204	4,897	4,591	4,285	3,367	2,754	30,608
II-koeżżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali	71,398	67,749	64,097	60,447	56,796	45,845	38,545	404,877
<i>p.m. Fond Soċjali għall-Klima</i>	9,894	9,516	9,148	8,702	8,183	-	-	45,443
Interreg	-	1,620	1,614	1,607	1,601	1,301	1,301	9,044
Faċilità tal-UE - Azzjonijiet tal-Unjoni	9,906	8,269	7,870	7,861	7,272	7,556	7,541	56,275
<i>Xibka ta' Sikurezza fi-Għaqda/Riżerva agrikola</i>	848	831	815	799	784	768	753	5,598
<i>II-Fond ta' Solidarjetà tal-UE</i>	2,550	2,550	2,550	2,550	2,550	2,550	2,550	17,850
<i>Faċilità tal-UE - HOME</i>	3,205	3,205	3,205	3,205	3,205	3,205	3,205	22,435
<i>Ohrain (bliet, impjeġġ u innovazzjoni soċjali...)</i>	3,303	1,683	1,300	1,307	733	1,033	1,033	10,392
<i>Faċilità tal-UE - Riżerva</i>	1,357	1,357	1,357	1,357	1,357	1,357	1,357	9,500
Appoġġ iill-Komunità Ċipriotta Torka	55	58	55	55	56	55	55	389
Aġenziji deċentralizzati, li minnhom:	2,522	2,648	2,761	2,896	3,032	3,137	3,244	20,240
Frontex	1,233	1,313	1,414	1,504	1,591	1,675	1,768	10,498
Europol	302	333	358	382	404	425	444	2,649
Ħlas lura tal-NGEU	22,616	22,172	21,738	21,311	20,893	20,484	20,082	149,296
Marġni	737	737	738	738	737	738	737	5,161
II-kompetittività, il-prosperità u s-sigurtà	63,017	75,107	75,335	77,530	77,141	77,416	76,658	522,205
II-Fond Ewropew għall-Kompetittività	40,240	52,348	52,871	63,026	62,929	63,293	63,046	397,753
II-Fond Ewropew għall-Kompetittività (eskluż II-Fond għall-Innovazzjoni)	40,193	52,302	52,826	54,988	54,273	54,195	53,506	362,283
Orizzont Ewropa	15,306	23,265	23,789	23,878	23,163	23,085	22,396	154,882
Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali	2,831	3,294	3,293	11,518	12,136	12,578	13,020	58,670
<i>II-komponent tal-QFP</i>	2,784	3,248	3,248	3,480	3,480	3,480	3,480	23,200
<i>p.m. II-Fond għall-Innovazzjoni</i>	47	46	45	8,038	8,656	9,098	9,540	35,470
<i>Ir-reżiljenza u s-Sigurtà, I-Industrija tad-Difiża, u I-Ispazju</i>	13,883	16,198	16,198	17,355	17,355	17,355	17,355	115,699
<i>Tmexxija Diġitali</i>	5,820	6,790	6,790	7,276	7,276	7,276	7,276	48,504
<i>Is-Saħħa, II-Bijoteknoloġija, I-Agrikoltura u I-Bijoekonomija</i>	2,400	2,800	2,800	3,000	3,000	3,000	3,000	20,000
<i>Ammont minimu ECF — Servizzi ta' konsulenza tal-Istrument InvestEU, kontribuzzjoni indikattiva mit-tweġġ (parti mill-ECF totali)</i>	1,077	1,518	1,488	1,459	1,430	1,402	1,375	9,749
Erasmus+	4,958	5,026	5,095	5,167	5,240	5,312	5,388	36,186
II-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa	10,277	10,430	10,273	10,273	10,431	10,280	10,287	72,251
<i>II-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa (CEF) - Trasport, li minha:</i>	6,713	6,794	6,563	6,489	6,573	6,345	6,275	45,752
<i>Mobbiltà militari</i>	2,678	2,678	2,363	2,205	2,205	1,890	1,733	15,752
<i>II-Faċilità Nikkollegaw I-Ewropa (FNE) - Enerġija</i>	3,564	3,636	3,710	3,784	3,858	3,935	4,012	26,499
II-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivli + (UCPM+)	1,240	1,328	1,338	1,363	1,366	1,403	1,420	9,458
AgoraEU	1,036	1,052	1,069	1,086	1,104	1,121	1,138	7,606
<i>Ewropa Kreattiva - Kultura</i>	217	220	224	227	231	235	238	1,592
<i>Media+</i>	385	391	398	404	411	417	423	2,830
<i>Demokrazija, Ċittadini, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri</i>	434	440	447	455	462	469	476	3,184
Programm għas-Suq Uniku	785	846	779	786	787	781	774	5,538
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, li minnu:	1,507	1,325	1,166	1,015	1,061	1,411	1,221	8,706
<i>Kontribuzzjoni għall-ITER</i>	892	784	690	600	628	835	722	5,150
Strument għall-appoġġ ta' emerġenza fi ħdan I-Unjoni (ESI)	-	-	-	-	-	-	-	-
Protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm Pericles V)	1	1	1	1	1	1	1	7
Dekummissjonar nukleari (il-Litwanja)	86	115	79	75	82	80	87	604
Kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari u d-dokumentazzjoni	127	95	110	114	125	135	148	854
Ġustizzja	95	97	99	101	103	105	107	707
Aġenziji deċentralizzati	1,198	1,219	1,226	1,240	1,254	1,268	1,280	8,687
Ohrain (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	659	252	251	268	266	273	264	2,233
Marġni	855	1,020	1,023	1,053	1,048	1,051	1,037	7,085
Ewropa Globali	23,138	23,213	23,166	27,174	31,132	31,103	31,074	190,000
Strument Ewropa Globali (*)	21,473	21,473	21,473	25,261	29,050	29,050	29,050	176,830
<i>II-Tkabir, II-Viċinat tal-Lvant, u I-bajja tal-Ewropa</i>	4,564	4,564	4,564	5,369	6,175	6,175	6,175	37,586
<i>L-Afrika sub-Saħarjana</i>	6,403	6,403	6,403	7,532	8,662	8,662	8,662	52,727
<i>L-Asja u I-Paċifiku</i>	1,790	1,790	1,790	2,106	2,422	2,422	2,422	14,742
<i>II-kontinent Amerikan u I-Karibew</i>	965	965	965	1,135	1,305	1,305	1,305	7,945
<i>II-Lvant Nofsani, I-Afrika ta' Fuq, u I-Golf</i>	4,556	4,556	4,556	5,360	6,164	6,164	6,164	37,520
<i>Affarijiet Globali</i>	1,608	1,608	1,608	1,892	2,175	2,175	2,175	13,241
<i>Riżerva</i>	1,587	1,587	1,587	1,867	2,148	2,148	2,148	13,072
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	417	419	423	429	430	433	436	2,987
Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej (OCT) (inkluż Greenland)	89	133	133	177	133	133	89	887
Ohrain (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	292	318	269	289	352	321	335	2,176
Marġni	867	870	868	1,018	1,167	1,166	1,164	7,120
Amministrazzjoni	14,083	14,397	14,746	14,980	15,205	15,415	15,621	104,447
Marġni totali	2,557	1,105	1,113	1,299	1,448	1,751	1,735	11,008
TOTAL	253,919	261,328	256,400	257,822	256,041	243,541	234,005	1,763,056
F% tal-ING (UE-27)	1.31%	1.33%	1.29%	1.29%	1.27%	1.19%	1.13%	1.26%

(*) EUR 25 biljun mill-pakkett tal-2028-2034 jistgħu jikkontribwixxu għall-għajjuna umanitarja.

Lil hinn mil-limiti massimi, li minnhom:	2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034	Total
Strument ta' Flessibbiltà	2,000	2,000	2,000	2,000	2,000	2,000	2,000	14,000
L-Ukrajna	13,462	13,198	12,939	12,685	12,437	12,193	11,954	88,867
Katalizzatur għall-Ewropa (NRPPs ta' self ta' politika)								(150 biljun fi prezzijiet attwali)
Mekkaniżmu ta' kriżi								(0.25 % tal-ING - 350 biljun)
Barra mill-QFP								
II-Faċilità Ewropea għall-Paċi	4,106	4,025	3,946	3,869	3,793	3,719	3,646	27,104